NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

MEJJU-AWWISSU 2023

NRU 209



## "ĦEĠĠEĠ FINA N-NAR TA' MĦABBTEK"

L-istatwa ċentinarja tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana fil-Bażilika Ġorġjana f'Ġunju 2023.
ritratt: Andrea Camilleri


TANISJU
BY GIOVANNA


PEPIE'S
CISK


THE ASTRA
Lounge | Cafe | Bistro


DEWALT
GUARANTEED TOUGH.
AAK
GRECH BROS. LTD
Main Showroom: Triq Belt il-Hażna, Marsa
Tel: 2122 7832, 2122 7866 · Email: aakmarsa@aakgrechbros.com
Showroom: Triq S. Psaila, Birkirkara
Tel: 2148 3216, 2144 5847 · Mob: 7948 3216 · Fax: 2148 5547
GIFT VOUCHERS AVAILABLE
BLACK+DECKER


TA' ĠOLINA
supermarket
275, Triq tal-Għajn, Fontana - 21554067
Għal għażla vasta ta' prodotti ta' kwalità bi prezzijiet raġonevoli
u servizz eċċelenti.
B'telefonata tista' tordna u tirċievi x-xirja tiegħek id-dar!


A&M PRINTING


PUMA GOZO
21 560 248
79 051 634
pumagozo@gmail.com
5,Exchange Junction, Victoria VCT1073, Gozo, Malta


Charles
Fruits & Vegetables Market
Tel: 2156 6707, Mob: 9942 4124
Email: attardcharles@ymail.com
Primrose, Triq Dun Guzepp Grima, Fontana FNT 1081


Savio Bugeja
Bellusa
Plastering, Tile laying,
Graffiato and Scaffolding
Mob: 7906 8138/7955 3434


Kafe' SanĠorġ
Kafe' San Gorg has
been serving daily prepared
pastries from a recipe that goes back
over 42 years!!
Tel : 21565432


MEYLAK JEWELLERS
24b, REPUBLIC STREET,
VICTORIA, VCT 1012,
GOZO, MALTA.


Silhouette
THE LIGHT SHOP

EDITORJAL

# “ARRIVEDERCI, CARO!”

Lejlet il-Festa tal-Madonna Ta’ Pinu f’Ġunju kulħadd qam imbikkem bl-aħbar tal-mewt ta’ Mons. Pawlu Cardona, eks Arċipriet tal-Parroċċa tagħna. Kienet aħbar li ftit jew wisq konna nistennewha, għax f’dawn l-aħħar xhur u snin rajnieh ibati u jikkumbatti l-mard li ħakmu. Dawk kollha li ħadmu miegħu tul l-arċipretura u anki wara, f’Dun Pawl dejjem raw reżiljenza u kuraġġ f’dak kollu li kien għaddej minnu.

F’din l-edizzjoni qed insellmu l-memorja tiegħu u niftakru wkoll f’dak li seħħ tul l-arċipretura tiegħu. Nixtiequ, kif jixraq, infakkru l-persuna ta’ Dun Pawl, li żgur fiha tispikka l-ispiritwalità fuq quddiem ta’ dak kollu li għamel. Kont ta’ spiss tarah, meta l-Bażilika tagħlaq, imur f’riġlejn is-Santissmu Sagrament fil-kwiet u hemm isib il-mistrieħ. F’dak kollu li jagħmel u jiddeċiedi kien dejjem ipoġġi t-tagħlim tal-fundatur tal-Pro Sanctitate, Mons. Giaquinta, bħala gwida. L-ubbidjenza għas-superjuri tiegħu kienet fattur li baqa’ dejjem imexxih f’kull pass u għażla f’ħajtu. Min jaf kemm persuni ħabbtulu biex fih isibu naqra faraġ u sostenn! Kienu ħafna l-pazjenti, li bħalu kienu għaddejjin minn xi marda, li sabu fih għajn ta’ kuraġġ.

L-imħabba tiegħu lejn San Ġorġ kompliet tisseddaq kemm dam fostna: tul il-festi tal-175 anniversarju tal-miġja tal-istatwa ta’ San Ġorġ rajnieh b’tant entużjażmu jmexxi u jħeġġeġ lilna lkoll biex niċċelebraw u nipparteċipaw f’dawk il-festi straordinarji.

Issa li ħalliena, ser nibqgħu ngħożżu l-mumenti li lkoll għexna miegħu, kulħadd bil-mod tiegħu, fejn stajna napprezzaw il-profondità u l-umanità li għażluh.

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta’ dejjem.*

**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f’verżjoni diġitali fuq www.stgeorge.org.mt jew fuq www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/43928**




INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta’ San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f’seminar parrokkjali fi Frar ta’ dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI — Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma’ dawk tal-Bord Editorjali*

REKLAMAR — Frank Schembri - franklbv@gmail.com

FOTOGRAFIJA — Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa

KUNTATT — Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM




# DUN PAWL

L-Arċipriet Joseph Curmi

Niftakar qisu lbieraħ l-ewwel darba li ltqajt miegħu. Kien għadu kif ġie minn Ruma wara li kien innominat Arċipriet ta' San Ġorġ. Jien kont qed intemm is-sena pastorali bħala seminarista f'din il-parroċċa. Talabni nibqa' ngħinu ftit sa ma jibda. B'umiltà kbira kien qalli: "Għinni ftit, għax jien hawn ma naf xejn". Kien ferħan u fl-istess ħin anzjuż. Wara dik il-laqgħa, l-ewwel darba li rġajt dħalt fl-uffiċċju kien biex ngħidlu li l-Isqof talabni nkun Arċipriet warajh u issa jmiss lilu jgħinni.

**Missier**
Dun Pawl kien missier. Ragħaj li fl-istess ħin hu missier. Persuntu kbira u mibnija kien jużaha mhux biex ibeżża', iżda biex f'dawk id-dirgħajn dak li jkun iħossu milqugħ u mismugħ. Lil Dun Pawl wieħed kien jirrispettah mhux għax jintimidak jew jiksrek, imma għax kien jagħmel ħiltu biex iħobb. Tkellimt diversi drabi miegħu wara li sirt Arċipriet. Għaraft kemm f'qalbu kien jgħożż u jinkwieta għal kull persuna. Kien jissielet miegħu nnifsu biex kelma negattiva ma toħroġ fuq ħadd. Iqawwi qalb dak li jkun u jsegwi bħal missier lil uliedu. Kien jinkwieta ħafna meta jħoss li xi ħadd mhux għaddej minn żmien tajjeb. Kien jitħasseb meta jara lil xi ħadd li għalkemm fiżikament qrib il-Knisja, huwa bogħod mill-fidi vera. Interessat fil-parroċċa li ħabb sal-aħħar nifs. Jitlob għas-saċerdoti u għall-komunità. Bħal tifel żgħir mistħi, wara li spiċċa minn Arċipriet kien jitlob il-permess biex jara jistax jiġi jikkonċelebra f'ċelebrazzjonijiet importanti, għax ta' missier li kien, kien dejjem jinkwieta jekk hux iżomm postu.

**Bniedem ta' Alla**
Dun Pawl kien bniedem ta' Alla. Kien jemmen fil-mumenti ta' talb u ta' rtir. L-Ewkaristija kienet għal qalbu ħafna. Waqt il-marda tiegħu kien ikejjel kemm ilu ma jitla' jqaddes u jipprietka fuq altar. Dik kienet id-diqa tiegħu. Kien se jtir bil-ferħ meta f'San Ġorġ ta' April, proprju nhar il-Festa, mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni u qasam magħna l-mixja tas-salib tiegħu. Kien l-aħħar mument li qatta' mal-komunità tagħna. Dik l-omelija kienet bħal testment u rigal ta' ragħaj, missier u bniedem ta' Alla. Fl-aħħar mumenti, proprju fl-aħħar ġurnata f'xi s-sagħtejn ta' waranofsinhar, ċempilli direttament biex neħodlu ż-żejt tal-Griżma minn San Ġorġ. U lis-saċerdoti miġbura ħdejh, b'vuċi baxxa talabna nqawwulu qalbu bit-talb. U dliknieh biż-Żejt tal-morda u tlabna għal ħin twil flimkien. Għalaqna bit-talba tat-Te Deum.

**Refa' s-salib**
Dun Pawl kien Kristjan li refa' s-salib. Bħal kull bniedem kellu jissielet mal-limitu tiegħu, iżda fil-prova ma ħarabx. Obda. Kull fejn kien, refa' ġo qalbu tant esperjenzi li kienu tqal u diffiċli. Dan għamlu anki meta l-ubbidjenza lejn il-Knisja kienet iebsa. Hu kien jaf li dik kienet is-sejħa tiegħu u lill-Knisja kien iħobbha. Iżda xejn daqs il-marda twila li ġarrab ma kien daqshekk ta' prova. "Il-mard ineżżgħek", kien ta' sikwit jgħid. Għex b'dinjità kbira tant taqtigħ il-qalb u trattamenti ibsin. Qasam l-esperjenza tiegħu biex iqawwi qalb oħrajn. Iġġieled biex l-Għawdxin morda li jridu jivvjaġġaw għal Malta biex jieħdu t-terapija jiġu ttrattati b'dinjità. Bħal Kristu kien jibża' mit-tbatija u mill-mewt. Iżda b'fidi pprepara ruħu u ntelaq f'idejn Kristu, il-Madonna tal-Fiduċja u Ġorġi tagħna.

"Sellili għalihom u għidilhom grazzi. Jekk inqasthom f'xi ħaġa, itlobhom jaħfruli". Hekk qalli fl-aħħar sigħat li kien id-dar mifni u bla saħħa qabel ma daħal għall-aħħar darba l-isptar.

Il-Mulej tana rigal kbir li gawdejna minnu. Dun Pawl poġġa pedament fis-skiet li għadu jservi ta' sapport għall-komunità kollha. Grazzi, Mulej, li wrejtna l-imħabba tiegħek permezz ta' Dun Pawl.

Grazzi, Arċipriet. Grazzi, Dun Pawl. Grazzi, missier.



**PELLEGRINAĠĠ LOURDES**
1-5 TA' AWWISSU 2023

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI



KRONAKA

Mejju – Awwissu 2023

1. Fit-tieni ġimgħa ta' Mejju nżammu l-festi solenni u għeżież tal-Kwaranturi Mqaddsa, li għalqu bil-Quddiesa u l-Purċissjoni Solenni l-Ħadd 14 filgħaxija. Fl-okkażjoni ta' din il-festa tal-Ewkaristija tkantat għall-ewwel darba l-Quddiesa *Missa Eucharistica*, għal 3 vuċijiet ta' rġiel u orgni, li ġiet miktuba minn Francis J. Camilleri fis-sena 2020, fi żmien meta prattikament kollox kien wieqaf. L-ispirazzjoni tal-quddiesa huma x-xogħlijiet ta' Lorenzo Perosi (1872-1956), b'mod partikolari l-Quddies *Missa Pontificalis* u *Missa Cerviana*.

2. Bejn l-4 u s-7 ta' Ġunju nġabet fil-Bażilika għall-qima l-istatwa titulari għażiża tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana, fl-okkażjoni tal-100 anniversarju minn meta nħadmet. Il-Ħadd tniżżlet mill-Katidral, waqt li marret lura l-Fontana f'Pellegrinaġġ storiku akkumpanjata mill-Banda Ċittadina La Stella. *Ritratt: Monica Farrugia*

3. Mons. George Borg, Rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu, iċċelebra Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-50 anniversarju presbiterali tiegħu, nhar is-7 ta' Lulju, fil-kuntest tal-Festa titulari. *Ritratt: Focus Fotos*



1



2



3

4. Il-Pontifikal tat-Te Deum fi tmiem it-Tridu Mqaddes, li l-prietki tiegħu saru mill-Kan. Ryan Lee Pace, tmexxa minn Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja, u fih hu amministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil wieħed mill-adolexxenti 'emigranti' tal-Parroċċa. *Ritratt: JJP Zammit*

5. Fost id-diversi attivitajiet tas-sajf ma naqsitx mawra għall-abbatini f'Kemmuna, akkumpanjati wkoll minn xi ġenituri, fejn fost l-oħrajn iċċelebraw il-quddiesa fil-Kappella tar-Ritorn mill-Eġittu.



4



5



**IL-GRIŻMA TAL-ISQOF**
**Il-Ħadd 21 ta' Mejju 2023**

Jean Abela, Clive Attard, Kylan Ballucci, Floyd Brignoli, Shirley Jo Bugeja, Noah James Camilleri, (Benjamin Caruana), Loukis Cassar Casha, Lyla Cefai, Amy Cremona, Luke Cremona, Kris Curmi, Christine Cutajar, Maria Debattista, (Nina Debono Curmi), Alex Ellis, Kate Ellis, Andrew Farrugia, Cesca Farrugia, Jordan Farrugia, Chanelle Grech, Gabriel Grech, Giulia Grech, Marie Claire Grech, Matthias Grima, Ana Portelli, Kylie Saliba, Alessia Vassallo, George Vassallo, Beppe Vella, Kyle Vella, Martina Vella, Zac Vella, André Xerri, Julia Zammit

*Ritratt: Scerri Photo Studio*



**L-EWWEL TQARBINA**
**Il-Ħadd 28 ta' Mejju 2023**

George Abela, George Apap, Andrea Attard, Mirco Bajada, Kristina Bartolo, Phoebe Bezzina, Elaine Bugeja, Martina Buttigieg, Enya Marie Camilleri, Kaiya Camilleri, George Camilleri, Jake Camilleri, Maria Maddalena Camilleri, Eliza Marie Ciantar, Gabrijel Cordina, Carl Cremona, Neil Debono, Jake Farrugia, Kelsey Farrugia, Kate Galea, Nikolai Gatt, Kyle Gauci, Rafael Grech, Anya Grech, Leah Incorvaja, Alexander Mizzi, Julia Ogilvie, Kenzie Said, Kadisha Said, Lucia Schembri, Paul Vassallo, Lee Vella, Geordie Vella, Alicia Xerri, Adriana Xuereb, Elodie Zammit Agius

*Ritratt: CVC Media*

# FESTA SAN ĠORĠ 2023

Il-Bażilika Ġorġjana għall-Festa titulari ta' Lulju bdiet iżżanżan libsa isbaħ hekk kif iddendel l-ewwel damask ġdid mal-pilastri maġġuri. Kienu jiem, bħal kull sena, ikkaratterizzati minn ċelebrazzjonijiet sbieħ u liturġiji dinjitużi, li laħqu l-qofol tagħhom fit-Tridu pprietkat mill-Kan. Ryan Lee Pace, il-Vġili Solenni, u l-Pontifikal u l-Purċissjoni fit-tielet Ħadd.























ATTWALITÀ

# L-ARĊIPRIET PAWLU CARDONA (1953-2023)

Pawlu Zammit



Ġie minn parroċċa oħra f'Għawdex… imma integra magħna qisu kien wieħed minn tagħna minn dejjem! Ħabbna immens u ħabbejnieh lura kif kien sewwa u xieraq. L-Arċipriet Mons. Pawl Cardona, minn Ta' Sannat, beda l-Arċipretura tiegħu fis-sena 2007 u dam magħna bħala Arċipriet disa' snin. Bl-għajnuna ta' grupp sabiħ ta' lajċi, Dun Pawl, kif konna nafuh, stinka ħafna għall-ġid tal-Parroċċa tagħna.

Ħadem ħafna favur l-apprezzament tal-patrimonju fiżiku u artistiku tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Ir-restawr tal-faċċata tal-Bażilika u l-applikazzjonijiet għall-fondi meħtieġa saru bl-istinkar u l-ħidma personali tiegħu. Rajnieh jippromovi wkoll l-organizzazzjoni tal-Arkivju u l-Librerija tal-Parroċċa. Kien ukoll bil-kunsens u s-sapport tiegħu li nfetaħ il-Mużew tal-Bażilika fejn huma miġbura b'reqqa kbira opri artistiċi, kulturali u mużikali imprezzabbli. Ħabrek biex ġew irrestawrati l-pitturi ta' Zahra u l-koppla minn ġewwa u jiġu installati l-pannelli fotovoltajċi fuq il-bjut tal-Bażilika tagħna.

Kien bniedem umli u ta' spiritwalità personali kbira li biha ispirana għall-imħabba lejn Ġesù u lejn il-Knisja. Kristu kien għalih iċ-ċentru ta' kull ħsieb u ħidma biex kull inizjattiva turi l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem. Kien bniedem ta' skiet u talb, ta' ubbidjenza inkundizzjonata lejn is-superjuri tiegħu u l-Maġisteru tal-Knisja, bennej tal-paċi u tal-komunjoni, bniedem ta' ġabra kbira waqt il-liturġija, it-talb u l-adorazzjoni, bniedem ta' maħfra. Kellu sens kbir ta' umanità u attenzjoni għall-persuni, speċjalment dawk li huma l-iktar żvantaġġjati.

Fid-disa' snin tal-Arċipretura tiegħu dejjem rajna lil Dun Pawl preżenti u ħabrieki għall-formazzjoni u l-qdusija tal-persuni kollha li kienu jiġu f'kuntatt miegħu. Il-ħidma pastorali tiegħu kienet ferm indirizzata lejn il-formazzjoni u l-qdusija tal-persuni li tagħhom hu kien ir-Ragħaj spiritwali. Il-quddiesa tal-Ħadd għat-tfal u għall-familji, in-Noveni tal-Milied u tal-Festa ta' San Ġorġ, il-Lectio Divina fuq ir-radju, żjajjar lill-familji qabel il-magħmudija, laqgħat iktar regolari għat-tfal tal-Preċett u tal-Griżma tal-Isqof, mixja kostanti mal-għarajjes qabel iż-żwieġ, il-formazzjoni ta' gruppi ta' adolexxenti u żgħażagħ, laqgħat għall-koppji żgħar u laqgħat għall-ġenituri kull xahar kienu wħud mill-inizjattivi li ppromova biex isaħħaħ il-katekeżi għall-gruppi tal-Parroċċa.

Wieħed mill-isbaħ proġetti li ħallielna l-Arċipriet Pawlu Cardona forsi huma l-Kmamar tal-Qrar. Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni kien ferm għal qalbu għax kien jemmen ħafna fid-disponibbiltà tal-qrar u tad-direzzjoni spiritwali. Hu kien bniedem ta' wens għall-penitent u kien jemmen li l-bniedem irrikonċiljat ma' Alla huwa bniedem iktar kuntent u komplut.

Kien jieħu ħsieb il-membri tal-Parroċċa tagħna b'ħafna mezzi disponibbli. Kien bniedem ta' karità kbira, ta' għajnuna lill-familji fil-bżonn, żjajjar lill-morda u l-anzjani, ħafna drabi fis-skiet, flimkien mal-introduzzjoni ta' ikliet f'mumenti meta s-solitudni tinħass ftit iktar mis-soltu, bħal fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Beda, u ħeġġeġ kemm felaħ, esperjenzi missjunarji minn żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna lejn l-Etjopja u l-Gwatemala biex ixettel fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa tagħna spirtu missjunarju skont ix-xewqa tal-Knisja. Ħeġġeġ kemm felaħ pellegrinaġġi lejn Lourdes, Ruma, Fatima, Pietrelcina, Assisi, Cascia, Loreto, Lanciano u l-Art Imqaddsa bl-għan ewlieni li jkompli juri lill-parruċċani tagħna s-sbuħija ta' dawn il-postijiet qaddisa fejn in-Nisrani jduq il-benna tal-qdusija u jagħraf jimitaha. Jien personalment akkumpanjajtu f'ħafna minn dawn il-pellegrinaġġi u kelli x-xorti li naqsam miegħu ħafna mumenti intimi ta' tagħlim u riflessjonijiet spiritwali waqt dawn l-okkażjonijiet speċjali. Kienet l-għaxqa tiegħu jara lill-pellegrini preżenti jgawdu dawn il-postijiet qaddisa u jġorru lura d-dar magħhom esperjenza qaddisa u ta' siwi għall-ħajja ta' kuljum.

Dun Pawl Cardona nqeda b'kull mezz biex iwassal il-messaġġ Nisrani liż-żagħżagħ tagħna u nsibuh jakkwista mezzi moderni biex jintużaw għal dan il-għan. Il-ħidma fi żmienu favur il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet ukoll kruċjali biex ġew ikkummissjonati diversi statwi ġodda, saret riforma professjonali fl-organizzazzjoni tal-purċissjoni u ddaħħlet iktar kura pastorali fil-parteċipanti nfushom. Kellu għal qalbu wkoll l-għaqda fost l-Insara u narawh kull sena jistieden lill-Kanċillier




Il-Festa tal-Pussess tiegħu fl-2007.



L-adorazzjoni, il-qrar u t-talb kienu wisq għal qalb Dun Pawl.

Anglikan f'Malta għall-Velja tal-Festa liturġika ta' San Ġorġ f'April. Fis-sena 2014, fil-175 anniversarju tal-miġja tal-istatwa ta' San Ġorġ, stieden ukoll lill-Arċisqof Grieg Ortodoss biex jiċċelebra magħna dan l-anniversaru importanti.

Fil-festi speċjali li saru f'dan l-anniversarju, Dun Pawl stinka u rnexxielu jġib ir-Relikwa insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ minn Venezja. F'dawk il-ġranet ta' festi speċjali rajnieh ferħan se jtir għax hu, bil-ħeġġa li ra fina ta' mħabba tant kbira li għandna lejn San Ġorġ, tgħallem iħobbu bħalna u għaraf jgħinna napprezzaw it-teżor spiritwali tant kbir li għandna bil-preżenza u l-eżempju tal-Kbir Martri ta' Lidda, li għall-imħabba ta' Alla kien lest jagħti ħajtu.

L-Ewkaristija u l-adorazzjoni fis-skiet kienu ferm għal qalb Dun Pawl. Konna narawh waħdu, sieket, f'xi rokna mwarrba fil-Kappella tas-Sagrament tal-Bażilika tagħna, miġbur jitlob quddiem Ġesù Sagramentat… eżempju tant ħaj ta' kif wieħed għandu jidħol f'relazzjoni intima ma' Ġesù. Introduċa wkoll l-adorazzjoni tal-jum tal-Ħamis u l-lejl ta' adorazzjoni Ewkaristika bejn is-Sibt u l-Ħadd tal-Kwaranturi Mqaddsa. Dawn l-inizjattivi, flimkien mal-mod ta' tant fraternità ma' sħabu s-saċerdoti fejn konna narawhom jifirħu flimkien fis-sagristija wara xi quddiesa konventwali, għallmuna napprezzaw is-sbuħija tal-ħajja tan-Nisrani magħqud ma' Kristu fejn isaltnu l-ferħ u l-fraternità.

Dun Pawl Cardona m'għadux magħna. Ħallielna teżori materjali u spiritwali li ma nistgħu ninsew qatt. Għallimna napprezzaw il-benna u s-sbuħija tal-persuna magħquda ma' Kristu li għandha l-potenzjal li tgħix ferħana kif għex hu stess. Hu għaraf jerfa' l-piż tal-mard, li ħakmu fl-aħħar żminijiet tal-



Fil-Pellegrinaġġ Parrokkjali fl-Art Imqaddsa fl-2015 meta nxtara l-Evanġelarju għall-Parroċċa minn Ġerusalemm.

ħidma pastorali tiegħu fostna u li, finalment, kien dak li wasslu għand Alla. Nistħajjel lil San Ġorġ imur jilqgħu fil-bieb tal-Ġenna meta wasal il-ħin u jifraħ bih kif hu kien jifraħ jurihulna u jurina u jispjegalna t-teżor tant kbir li għandna bix-xhieda tal-Martri tagħna Ġorġi. Nibqgħu niftakruh lil Dun Pawl għax dak li tana f'dawk id-disa' snin tal-Arċipretura tiegħu jibqa' magħna sal-mewt.

Grazzi ħafna, Dun Pawl… tislijiet sakemm nerġgħu niltaqgħu.

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*



Waqt il-Velja Straordinarja li saret fi Pjazza Indipendenza bħala parti mill-Festi Speċjali f' April 2014.



Quddiem in-niċċa ta' San Ġorġ f'ritratt mar-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ li nġabet fl-2014.

# LILL-KUĠIN TIEGĦI MONS. PAWLU CARDONA

L-ewwel minn fost ulied Wiġi u Rożina,
it-triq int ftaħt fl-annu ħamsin u tlieta,
l-ewwel kuġin f'tlieta u tletin tas-Sisu.

Sabi qarquċi trampi kont tivvinta,
tilgħab ma' Margaret, Lora, Anna u Ġuża.
Il-laqta għar-ritwal minn żgħir ġa kellek,
tal-gremxul funerali torganizza.

U iktar tard fuq l-electronics tfajtha,
apparat tibni biex mar-radju taqbad,
arti u xjenza int flimkien kont twaħħad.

Tfarfart: ħassejt is-sejħa tal-kbir Alla,
u mort u bdejt it-triq tas-Seminarju
meta qabbduk tagħmilha ta' technician.
Talbek l-Isqof Cauchi tbiddillu bozza
u waqt li kont qed taħdem ġo kamartu
int qbadtu jibki wara telfa mġarrba.
U fetaħ qalbu miegħek, ħalliek tara;
għaraft li anki l-Kap ikollu d-dwejjaq,
anki 'k l-uman hu kien jipprova jaħbi,
hekk kien jaħsibha u hekk kien imdorri.

Kif sirt qassis ħidmietek bdejt ġo Ruma,
il-belt illi tant tajt u tatek lura.
In-nies ħabbewk u int ħabbejthom aktar.
Għaddejt minn tiġrib kbir, serq, tant problemi.
U qalbek ma qtajt qatt, bqajt dejjem miexi.
Kellek jirfduk lil Monsinjur Giaquinta
u ħutek kollha tal-Pro Sanctitate.

Int kont magħruf għal kemm kont taf issajjar
u kreattività kellek bil-għaġeb.
Kont trid il-ħaġa sew, b'galbu, mirquma.
Platti tajbin kont toħloq b'tant imħabba:
l-ikliet kienu għalik tnissil il-għaqda.

Fhimt kmieni ferm li l-ikel joħloq xirka,
il-ħobż maqsum, bħal dak fl-Ewkaristija,
għaqda jġib, joħloq xempju ta' familja.
Fil-fatt int dejjem kellek wisq għal qalbek
Ħobż u Nbid fl-Att tal-Ewkaristija.

Niftakar sew kemm konna niddiskutu,
l-ewwel fis-sajf meta tiġi minn Ruma,
inpoġġu fuq is-sodod ta' Rożina
f'xi waranofsinhar fil-kamra x-Xlendi.

L-ewwel m'għallimtni l-Amen fit-tqarbina:
dik l-Amen li xħin wieħed ilissinha
jagħmel parteċpi minnu fil-Pjan ta' Alla;
qed jgħid bi twemmin qawwi, jikkonferma:
'Nitwaħħad jien irrid mal-pjan ta' Sidi
biex f'post aħjar tinbidel din id-dinja'.

U kemm tkellimna u ddiskutejna
imbagħad xħin jien kont niġi hawn minn Londra,
did-darba fl-għorfa tiegħek wara x'ikla
mħejjija b'tant imħabba minn ta' Ġuża.
Waħda minn dawk li l-iktar baqgħu f'qalbi
kienet l-għarfien t'effett l-Ewkaristija,
bħal għajn ta' nutriment, forza morali,
skont Benedettu l-Papa li ħalliena.
Ukoll skont San Giovanni Pawlu t-Tieni,
fil-*Veritatis splendor* hu jafferma
li magħqud f'tas-Salib is-sagrifiċċju
għall-karità jingħata n-Nisrani.

F'Wistinu jsib l-għerq tiegħu dal-Misteru:
paragun jagħmel hu mill-iktar qawwi
bejn ikel l-art u l-ikel spiritwali.
Hekk jikkwotah Tumas il-kbir t'Akwinu,
fejn hu fis-*Summa* jmur jissiġilla:
filwaqt li ikel l-art jinbidel f'ġisem
dik il-persuna hekk nutrita minnu,
bil-Ħobż qaddis jiġri imma bil-kontra.
Hawnhekk naraw isseħħ ħaġa tal-għaġeb:
l-Ostja ma tinbidilx f'suret il-bniedem;
'ma jieħu l-bniedem suret Dak li ħalqu.

Għallimtni wisq, kuġin, kemm xtaqt kelln'iżjed
teoloġija, imħabba u morali.
'Ma x'jista' jiżboq iżjed minn dal-mertu
ta' xempju ħaj matul dawk l-aħħar ġranet?
Segwejtek mill-qrib ħafna f'tbatijietek,
mill-purifikazzjoni għaddej rajtek;
ma bqajtx biss il-ġeddied tas-sagrifiċċju:
kuljum qaddist bla eċċezzjoni f'ħajtek.
Twaħħadt int mal-Ħallieq fi tbatijietek:
qassis, altar, ħaruf f'sodda miljietek.

Kul issa, Pawl, trejjaq mill-ħobż tas-Sema,
gawdi 'l missierek, ommok u lil oħtok.
Erġajtu lkoll issa ngħaqadtu
flimkien ma' tant oħrajn f'glorjet il-Ġenna.

Min jaf x'ħassejt hekk kif star il-misteru
żżerżaq minn fuq għajnejk u sibt is-Sewwa,
xħin rajt rebbieħ u pur il-Ħaruf t'Alla,
għannaqtu u Hu fl-għamara tiegħu laqgħek?

Itlob għalina u tħalliniex weħidna,
dawwalna minn hemm fuq ħalli xħin jasal
ħin tluqtna aħna niġu ħdejk nittajru
u ngawdu aħna wkoll ħajja ta' dejjem!

**Maria Vella**
23 ta' Ġunju 2023







Jassisti lill-Qaddej ta' Alla Mons. Giaquinta f'Magħmudija tal-familja fil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-1978.

*Ritratti: Arkivju Bażilika San Ġorġ; ħajr ukoll lil Mario Casha u JJP Zammit.*

ATTWALITÀ



# IL-MIĠJA TAL-ISTATWA TITULARI TAL-QALB TA' ĠESÙ FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Il-Kan. Simon M. Cachia,
Kappillan tal-Fontana



Din is-sena, fis-Santwarju Nazzjonali tal-Qalb ta' Ġesù u fil-komunità parrokkjali tal-Fontana ġew iċċelebrati festi speċjali fl-okkażjoni ta' għeluq il-100 sena tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù, kapolavur u għotja ta' Wistin Camilleri. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ġie organizzat pellegrinaġġ storiku lejn il-parroċċi tal-Belt Victoria bejn it-2 u s-7 ta' Ġunju 2023.

Wara jumejn tassew sbieħ fil-Knisja Katidrali, fl-4 ta' Ġunju l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù niżlet miċ-Ċittadella akkumpanjata mill-kleru, il-fratellanzi u ġmiegħi ta' devoti mill-Parroċċi tal-Katidral u tal-Fontana. Intlaqgħet mill-Kapitlu u n-nies tal-Parroċċa ta' San Ġorġ quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu fost id-daqq tal-qniepen taż-żewġ parroċċi Rabtin u mbagħad tkompliet it-translazzjoni tal-istatwa lejn il-Bażilika ta' San Ġorġ fejn iddaħħlet għall-ewwel darba fl-istorja. It-temp ftit inċert u xi taqtira tax-xita 'l hawn u 'l hemm ma ħarbtux l-entużjażmu ta' mijiet ta' pellegrini li mill-ġdid inġabru wara l-Qalb ta' Ġesù u fi klima ta' talb taw xhieda ta' mħabbithom lejn Qalb is-Salvatur. Mijiet oħra attendew għall-wasla tal-istatwa fil-Bażilika. Wara li tlestiet il-quddiesa tal-ħin u wara li għal ftit tal-ħin l-istatwa ttellgħet taħt it-Tribuna Bażilikali, kif kien sar bl-Inkwatru titulari 30 sena qabel, l-istatwa sabet postha fil-korsija fejn bdew jiem ta' adorazzjoni Ewkaristika b'nies kontinwament deħlin jitolbu quddiem il-Qalb tħabbat tas-Salvatur fis-Sagrament Imqaddes. In-nies qalu li kienu "Kwaranturi oħra" u jiem ta' faraġ u grazzji kbar. "Mur ġib l-aħwa Hili, l-Arċipriet Alfons u l-Kappillan Ġużepp, jaraw il-Qalb ta' Ġesù li tant ħabbew għall-ewwel darba fil-Parroċċa li fiha trabbew!". It-Tlieta 6 ta' Ġunju saret Konċelebrazzjoni solenni, immexxija mill-Arċipriet, bis-sehem tal-Kappillan u l-kleru tal-Fontana.

### Għeluq il-Pellegrinaġġ storiku taċ-Ċentinarju

Minħabba t-temp inċert, l-istatwa tħalliet fil-Bażilika ta' San Ġorġ sal-jum ta' wara, festa nazzjonali tas-7 ta' Ġunju.

L-għajta "Il-Qalb ta' Ġesù riditha!" bdiet tinxtered b'mod qawwi hekk kif mijiet ta' devoti reġgħu ngħabru għat-tielet darba fi ftit jiem biex jimxu wara l-Qalb ta' Ġesù. Fis-6.30pm, Pjazza San Ġorġ mimlija daqs bajda laqgħet l-istatwa titulari u mirakoluża tal-Qalb ta' Ġesù fil-bieb tal-Bażilika għall-ferħ tad-daqq tal-qniepen, tfigħ ta' karti u kant tal-Innu Popolari. Grazzi kbira lill-Arċipriet u lill-Parroċċa ta' San Ġorġ li għenu tant biex il-jiem li fihom damet il-vara setgħu kienu jiem qawwija ta' grazzja.

Il-purċissjoni tar-ritorn, akkumpanjata mill-Fratellanzi tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Sant'Andrija tal-Fontana, mill-kleru tal-Fontana, mill-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Konventwali, mill-insinji bażilikali ta' San Ġorġ u mill-Banda Ċittadina La Stella, għaddiet minn diversi pjazez u toroq li minnhom qatt m'għadda l-Qalb ta' Ġesù, fosthom Pjazza Indipendenza, Triq ir-Repubblika, quddiem is-sede tal-Banda La Stella, u Triq Palma.

Mument għażiż u li ser jibqa' mfakkar għal snin twal huwa meta, għall-ewwel darba fl-istorja, il-vara tal-Qalb ta' Ġesù waslet quddiem il-Casa Madre tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u quddiem il-knisja li fiha hemm il-fdalijiet għeżież tal-fundaturi, il-Venerabbli Madre Margerita De Brincat u Dun Ġużepp Diacono. Is-sorijiet ippreparaw kemm

felħu għal dan il-mument, sa ħarġu fil-bieb l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù li jqimu huma fil-kunvent tagħhom. L-istatwa ddawret lejhom fost ferħ kbir u ċapċip li jtarrax. Imbagħad, il-folla kbira ta' nies miġbura ngħaqdet mas-sorijiet u flimkien kantaw l-istrofi kollha tal-Innu lill-Qalb ta' Ġesù ta' Dun Karm Psaila (*'Tina l-ħlewwa*). Ħadd ma xtaq li dak il-mument jispiċċa!

Fi Pjazza San Franġisk ir-reffiegħa tal-Fontana ħadu l-istatwa f'idejhom. Is-seminaristi tad-Djoċesi ħarġu jsellmu lill-Qalb ta' Ġesù hu u għaddej minn quddiem is-Seminarju li jġib ismu. Is-Sorijiet Dumnikani laqgħu l-vara maġenb is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pompej u fost id-daqq tal-qniepen kantaw l-Innu lill-Qalb ta' Ġesù. Mument ieħor sabiħ!

Minn hemm, imbagħad, l-istatwa daħlet fit-territorju tal-Parroċċa tal-Fontana u għall-ewwel darba fl-istorja għaddiet minn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, armata għall-okkażjoni bil-pavaljuni uniċi li għandha l-Parroċċa għal din it-triq. Il-membri tal-Għaqda tan-Nar sellmu l-miġja tal-vara bil-logħob tan-nar tal-ajru. Il-mijiet li ħonqu lil Beltna baqgħu neżlin mal-vara sas-Santwarju tagħha. Fi tmiem il-pellegrinaġġ indaqq għall-ewwel darba l-innu *Cor Jesu*, versi ta' Mario Borg u mużika ta' Mario Galea, mill-Banda La Stella u mis-solista Noel Galea. Kollox intemm bil-Barka Sagramentali.

Dan kien pellegrinaġġ tassew uniku u irrepetibbli. Sar għall-ġieħ u l-glorja tal-Qalb ta' Kristu u rnexxielu jgħaqqad bla preċedent lil ħafna nies u lil tliet parroċċi flimkien. Rarament ikollna okkażjonijiet li jgħaqqdu daqshekk lill-poplu tagħna b'mod hekk evanġeliku u sabiħ. Dan il-pellegrinaġġ serva biex tnisslu ferħ kbir u faraġ qawwi, li kienu ilhom ma jinħassu mill-poplu Għawdxi, waqt li reġa' fakkar lill-Insara fl-importanza tad-devozzjoni li għandu jkollna lejn il-Qalb ta' Ġesù.

Grazzi kbira lill-Arċipriet Joseph Curmi, lill-Parroċċa ta' San Ġorġ u lill-voluntiera Ġorġjani tal-għajnuna kbira li tawna.

*Ritratti: Monica Farrugia, Andrea Camilleri, Wallace Camilleri*









PROGETTI



# XOGĦOL FUQ IL-KAPPELLA NEO-BIŻANTINA FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

John Cremona

Kull min matul il-jiem tal-Festa ta' San Ġorġ daħal fil-Bażilika seta' jara l-progress fuq ix-xogħol ta' dekorazzjoni tal-Kappella Neo-Biżantina li 'l quddiem ser tkun il-Kappella tal-Adorazzjoni tas-Sagrament.

Il-kappella kienet inbniet fil-bidu tas-snin 2000 bħala proġett parrokkjali tat-Tielet Millennju tal-Kristjaneżmu, bit-tħabrik tal-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia u fuq disinn tal-Perit Vincent Centorino, iżda d-dekorazzjoni tagħha baqgħet mhix kompluta.

Wara li Mons. Carmelo Scicluna, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, ħalla ammont sostanzjali ta' flus għad-dekorazzjoni tagħha, l-Arċipriet Joseph Curmi, wara riċerka u tfittix, għamel kuntatt mal-artisti Alex u Anka Costenco tal-Mosaicon mir-Rumanija biex iwettqu x-xogħol tal-mużajk. Dak li wassal għall-għażla tagħhom kien l-esperjenza kif ukoll l-ispeċjalizzazzjoni fuq minjaturi. L-artisti żaru lil Għawdex diversi drabi u saru laqgħat li matulhom ġew diskussi l-proġett teoloġiku, is-suġġetti li għandhom jiġu ttrattati, il-materjali użati u l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' dan ix-xogħol. Għal dan il-għan l-Arċipriet waqqaf grupp ta' konsultazzjoni ppresedut minnu u magħmul minn Dun Joseph Mercieca, Dun Roberto Gauci, Manuel Farrugia u John Cremona.

Il-kuntratt ġie ffinalizzat f'Ħamis ix-Xirka 2021, il-ġurnata tat-Twaqqif tal-Ewkaristija, u l-ordni għall-bidu tax-xogħlijiet ingħatat fil-21 ta' Ġunju 2021. Il-materjal tal-ismalti ġie ordnat mid-ditta rinomata Orsoni ta' Venezja li jipprovdu materjal tal-aqwa kwalità, inklużi smalti bil-folja tad-deheb ta' 24 karat.

L-ewwel xogħol li sar kien il-mużajk ta' Kristu Pantokrator fit-tanbur tal-koppla li ta togħma ta' kif kellu jkun ix-xogħol ladarba dan jitlesta. Dan intwera fil-jiem tal-Milied 2021 u kull min rah fehem il-kapaċità tal-artisti li ġew magħżula biex jagħmlu dan ix-xogħol. Ix-xogħol tal-mużajk baqa' miexi bla waqfien, l-artisti jippreparaw id-disinni, imbagħad dawn jiġu diskussi u approvati mill-grupp tal-konsultazzjoni. Matul il-jiem tal-Festa l-pubbliku kellu ċans jara l-progress tax-xogħlijiet b'parti kbira mill-mużajċi kompluta.

Fl-istess okkażjoni seta' jiġi ammirat il-paviment tal-kappella maħdum fl-irħam fuq stil kożmatesk mid-ditta Sicis ta' Ravenna, l-Italja. Id-disinn tal-art sar bi preċiżjoni kbira mill-Perit Vincent Centorino. Din id-ditta għandha esperjenza kbira f'dan il-qasam. It-tradizzjoni ta' mużajk kożmatesk f'Ravenna hi waħda verament minn tal-bidu. Din il-kumpanija tagħmel ħafna proġetti kbar madwar id-dinja kollha. Biex wasal dan il-proġett l-Arċipriet żar din il-fabbrika darbtejn. Iċ-ċirku tan-nofs ta' dan id-disinn ġie mibgħut minn parti mill-porfidu aħmar li qabel kien imqiegħed fl-istess kappella.

Sadanittant, dawn l-aħħar ġimgħat beda wkoll jitqiegħed iz-zokklu tal-irħam madwar il-kappella maħdum mid-ditta A.F. Ellis (Marble Works). Dan għandu jiġi komplut fil-bidu tas-sena 2024.

Naturalment, proġett ta' din ix-xorta jitlob għadd ta' xogħlijiet oħra, bħal sistema ġdida tad-dawl u arja kkundizzjonata, xogħol fuq l-intrata tal-kappella u fuq il-prospettiva u t-taraġ fil-kappella tan-niċċa ta' San Ġorġ, u l-istallazzjoni ta' boxxla tal-ħġieġ li qed tinħadem mid-ditta Bokart Glass tal-Kroazja. Dan kollu jkun possibbli bl-għajnuna ta' bosta benefatturi li jqisu lill-Bażilika ta' San Ġorġ bħala t-tieni dar tagħhom.

Jekk Alla jrid u bl-appoġġ u l-għajnuna tagħkom, din il-kappella tkun tista' tiġi inawgurata waqt il-Festi ta' San Ġorġ f'Lulju 2024.



ritratt: Giuseppe Attard

# IR-RESTAWR TAL-FONTI BATTEŻIMALI L-QADIM




James Saliba, restawratur



Il-fonti qabel l-intervent.



Il-fonti wara l-intervent.

**Is-sena l-oħra, il-Parroċċa ħadet ħsieb li jiġi rrestawrat kif imiss il-Fonti tal-Magħmudija l-qadim tal-injam li kien hemm qabel dak attwali, u hu xogħol lokali tas-seklu 18. Il-proċess hu spjegat hawn f'ċertu detall mir-restawratur innifsu.**

Il-Fonti Batteżimali l-qadim tal-Bażilika ta' San Ġorġ huwa eżempju tal-eleganza artistika tas-seklu 18. Il-fonti kien ġie maħdum minn injam tal-ġewż Ewropew (*Juglans regia*), li f'dak il-perjodu kien meqjus bħala njam nobbli. Il-fonti kien ġie ddekorat b'bosta gwarniċi elaborati u motivi floreali mnaqqxa fl-istess injam.

Kif tixhed data li ġiet misjuba fuq il-faċċata interna tal-bieba ewlenija, il-fonti x'aktarx li kien ġie mmanifatturat fis-sena 1776. Data oħra li nstabet waqt ir-restawr hi dik tas-7 ta' Jannar 1936, li bi probabbiltà kbira tirreferi għal meta kienet ġiet mibdula t-tapezzerija interna.

**Ħsara ġenerali**

Bħal kull xogħol artistiku, l-ambjent tal-madwar u l-użu tal-oġġett għandhom impatt kbir fuq l-istabbiltà u l-preservazzjoni tal-opra. Fil-każ ta' dan il-fonti, il-materjali ta' natura organika sofrew ħafna minn proċessi ta' deterjorazzjoni li ġew ikkawżati primarjament minn ammonti għoljin ta' umdità relattiva. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li, minħabba l-aspett funzjonali tiegħu, il-fonti kien jinżamm impoġġi fuq bażi li fiha kien ikun hemm l-ilma mbierek.

L-umdità għaġġlet il-proċessi relatati mad-deterjorazzjoni tal-kolla organika, b'mod li wassal għall-instabbiltà strutturali u għat-telf ta' wħud mill-elementi dekorattivi. Minħabba n-natura organika tagħha, din il-kolla, li kienet issir minn bċejjeċ ta' ġlud u kartillaġni ta' annimali, hija suxxettibli għal temperaturi għoljin u umdità, li jistgħu jwasslu għat-telf tal-proprjetajiet adeżivi tal-kolla, kif ġara fil-każ tal-battisteru.

L-istess ammonti għoljin ta' umdità affettwaw ukoll l-imsiemer u partijiet oħra metalliċi, li ġew suġġetti għal korrożjoni estensiva. L-effett ikkumbinat ta' dawn il-fatturi wassal għal instabbiltà strutturali u għat-telf ta' wħud mill-elementi dekorattivi. Il-kundizzjonijiet ambjentali affettwaw

ukoll l-istess injam, li barra li sofra minn tibdil fid-dimensjonijiet tiegħu, ġie wkoll aktar suġġett għal deterjorazzjoni bijoloġika, kif dan safa attakkat mis-susa u fungi (brown-rot).

Tul is-snin il-battisteru ġie wkoll mogħti diversi passati ta' żjut u verniċ. Minkejja l-effett estetiku riġenerattiv li jagħtu fil-mument, dawn iż-żjut ġieli jiskuraw maż-żmien hekk kif ukoll bosta impuritajiet mill-arja jiġu maqbudin f'dawn is-saffi, b'detriment qawwi għall-valur estetiku tal-oġġett.




Is-sena 1776 possibbilment hi d-data tal-manifattura.

**Il-proċess tar-restawr**

Ir-restawr tal-arti sagra għandu jkun esegwit b'attenzjoni u rispett lejn l-ispirtu u l-karatteristiċi tal-opra oriġinali. Il-proċess ta' restawr tal-Fonti Batteżimali kien jinvolvi diversi fażijiet bl-għan li jerġgħu jiġu rkuprati dawn il-karatteristiċi b'mod li ma jintilfux il-valuri storiċi, estetiċi u kulturali tal-manufatt.

L-ewwel fażi fir-restawr tal-battisteru kienet tinvolvi dokumentazzjoni tal-istat ta' preservazzjoni tal-oġġett u t-tindif mis-saffi ta' verniċ li ġew miżjuda tul is-snin. F'din il-fażi sar ukoll trattatament għal eradikazzjoni tal-infestazzjoni bijoloġika u l-konsolidament tal-injam li kien sofra minn telf ta' konsistenza. Il-konsolidament sar permezz ta' injezzjonijiet varji ta' Paraloid B72. Ġew ukoll stabilizzati l-elementi metalliċi, li ġew imnaddfa mill-korrożjoni u ttrattati b'reżina protettiva.

It-tieni fażi kienet iffukata fuq ir-risanament tal-istabbiltà strutturali u l-funzjonalità tal-oġġett. Il-kolla organika li kienet iddeterjorat ġiet imnaddfa u l-partijiet ikkonċernati reġgħu ġew inkullati mill-ġdid. Tul din il-fażi saru wkoll it-tiswijiet meħtieġa, li fil-parti l-kbira tagħhom kienu jinvolvu li jinħadmu ġonot b'injam tal-istess speċi. Uħud mit-tiswijiet kienu jinvolvu li xi elementi li kienu ntilfu jerġgħu jiġu mmanifatturati mill-ġdid. Dan kien il-każ tal-bieba interna, il-gwarniċi neqsin u xi partijiet tad-dekorazzjoni skolpita li kienu ntilfu maż-żmien. L-elementi li reġgħu ġew immanifatturati nħadmu b'mod analoġiku minn elementi simili li kienu għadhom fil-post.




Is-sena 1936 imniżżla bil-lapes fuq l-injam, possibilment id-data ta' meta nbidlet it-tapezzerija ta' ġew.

It-tielet fażi kienet tikkonċerna l-estetika tal-battisteru. F'dan il-mument ġew mimlija t-toqob tas-susa u partijiet oħra li kienu tkissru, bħal ngħidu aħna wħud mix-xfarijiet tal-gwarniċi. Dawn il-partijiet ġew invellati, b'attenzjoni sabiex ma tintilifx il-patina li kien rabba l-injam, u wara ġew irtukkjati sabiex ma jagħtux fil-għajn. L-elementi li kienu reġgħu ġew immanifatturati mill-ġdid ġew imxejħa b'mod kimiku sabiex tiġi imitata l-patina tal-injam oriġinali u b'hekk ma jikkuntrastawx mal-kumplament tal-oġġett. Il-battisteru ġie mbagħad protett bi strat ta' verniċ u xemgħa skont it-teknika u l-materjali tal-perjodu li fih kien ġie mmanifatturat l-oġġett.

Nistgħu b'hekk naraw kif, b'investiment, ħidma professjonali u impenn lejn il-konservazzjoni u r-restawr, il-Fonti Batteżimali reġa' ngħata d-dinjità sħiħa tiegħu, sabiex ikun jista' jinqara b'mod korrett fil-valuri estetiċi, storiċi u kulturali tiegħu, filwaqt li jiġi ppreservat għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

## Lill-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana fl-okkażjoni taż-Żjara fil-Bażilika ta' San Ġorġ

X'ma jxerrdux il-martri demmhom
xħin jilmħuk b'Qalbek miftuħa!
X'ma jagħmlux biex lilek jiksbu,
minn imħabbtek hekk mirbuħa!

Oh xi ħlewwa, oh xi tjieba
qed igelglu bla waqfien
minn ġo Qalbek, Verb waħdieni
mal-Missier qabel kull żmien!

Liema dehra hekk tal-għaġeb
dan it-tempju biha ddandan!
Qattx ra glorja bħal dal-ġranet
meta f'nofsu dħalt issaltan!

Il-Bażil'ka li ta' Ġorġi
l-għelm iġġib bil-wisq setgħan,
bil-preżenza ta' xbihetek
issa żgur dar tas-Sultan.

Tfal u kbar bil-gzuz ġo ħoġrok
f'das-sigħat ġejja mxennqin
biex iduqu s-serħ li tagħti
Qalbek ħelwa 'l-imsejknin.

Wiċċek mera ta' Missierek,
fommok tal-Ispirtu l-benna,
f'dawk l-għajnejn imfawra ħniena
ġa naraw seħer il-Ġenna!

"Ejjew għandi" tittallbilna,
hekk għatxan għal imħabbitna,
għaxqtek tkun ma' wlied il-bniedem,
xewqtek biss tisma' talbitna.

U hawn ridt toqgħod ġurnata oħra,
Qalbek f'qalbet belt għziritna,
biex b'dirgħajk miftuħa beraħ
żgur tħarisna u tkun barkitna.

Xħin dix-xbieha minn tas-Sema
terġa' lura l-Fontana,
fl-għożża, 'l-fakra tal-ġmiel tagħha
nitolbuk li tibqa' magħna.

Francesco Pio Attard
5 ta' Ġunju 2023



# TIFKIRIET MIĊ-ĊENTINARJU TAL-2003 (2)

## 20 SENA MILL-FESTI STRAORDINARJI LI KIENU SARU

### F'GĦELUQ L-1700 SENA MILL-MARTIRJU GLORJUŻ TA' SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI



STORJA

Noel Micallef

*...jaqbad mill-ħarġa l-oħra*

***Lulju 2003***

Il-Festi Ċentinarji komplew f'Lulju 2003 b'ċelebrazzjonijiet straordinarji. Għal din l-okkażjoni l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, kiteb Ittra Pastorali fl-okkażjoni tas-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ Martri, li nqrat nhar il-Ħadd 13 ta' Lulju fil-quddies kollu tal-ġurnata.[7]



Il-wasla tal-Kardinal Egan fil-Bażilika, 12.07.2003.



L-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Dun Tonio Galea, 12.07.2003.

Għal dik is-sena, fid-Disa' u l-Aħħar Ħamis ta' San Ġorġ, 10 ta' Lulju, sar il-ħruġ tal-istatwa titulari min-niċċa, minħabba li fil-Ġimgħa tal-Festa kien hemm imħejjija attivitajiet oħra. L-għada, il-Ġimgħa filgħaxija, saret Konferenza mill-Em.T. il-Kardinal Edward M. Egan, Arċisqof ta' New York, bis-suġġett *The Church in Contemporary Society: Challenges and Priorities*. Din il-konferenza saret fil-Bażilika.

Is-Sibt 12 ta' Lulju filgħaxija saret Liturġija Solenni u Konċelebrazzjoni Pontifikali ppreseduta mill-Kardinal Egan, li fiha d-djaknu Tonio Galea rċieva l-Ordinazzjoni Presbiterali, filwaqt li l-għada l-Ħadd saret l-Ewwel Quddiesa Solenni minn Dun Tonio b'radd il-ħajr wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. L-omelija saret mir-Rev.mu Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia.

It-Tnejn 14 ta' Lulju ttellgħet Akkademja Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri flimkien ma' I Cantori di Roma u l-Orkestra Nazzjonali taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, fejn ġiet esegwita għall-ewwel darba s-Sinfonija f'ġieħ San Ġorġ Martri, *The Apocalypse Verses*, kompożizzjoni tal-Professur Vella.

It-Tlieta 15 ta' Lulju, jum tassew mistenni, waslet ir-Relikwa Insinji tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ li tinsab meqjuma fil-Bażilika Djakonali tal-Velabro f'Ruma. Din inġabet minn Ruma b'konċessjoni tal-Em.T. il-Kardinal Camillo Ruini, Vigarju tal-Papa, u għall-okkażjoni ta' dawn il-festi l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II, illum qaddis, ikkonċeda l-Indulġenza Plenarja b'reskritt speċjali tal-Penitenzerija Appostolika tal-Vatikan. Għall-ħabta tas-6.30pm, l-Isqof Djoċesan flimkien mal-Kapitlu u l-kleru tal-Kolleġġjata laqa' r-Relikwa fi Triq ir-Repubblika. Wara, saret Translazzjoni ppreseduta minnu, bis-sehem tal-Kapitlu *in Urbe*. Ħadet sehem ukoll il-Banda Ċittadina La Stella bid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Mal-wasla tar-Relikwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika ta' San Ġorġ, sar indirizz ta' merħba mill-Arċipriet Farrugia. Wara, saret Velja Ekumenika ta' talb u tifħir ippreseduta mill-Isqof Djoċesan, flimkien mal-E.T. Gregorios, Arċisqof ta' Thyateira u l-Gran Brittanja, bħala rappreżentant tal-Qdusija Tiegħu l-Patrijarka Ekumeniku, u l-E.T. Geoffrey Rowell, Isqof ta' Ġibiltà fl-Ewropa, bħala rappreżentant tal-Komunjoni Anglikana. Ħadu wkoll sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata kif ukoll il-kleru tal-Bażilika u l-ordnijiet reliġjużi u sekulari tal-Belt Victoria. Għadd kbir ta' nies ħonqu t-toroq tal-Belt Victoria minn fejn għaddiet ir-Relikwa insinji. Fis-sigħat u l-jiem ta' wara, ir-Relikwa ttieħdet ukoll fid-djar tal-morda u l-anzjani fir-Rabat, akkumpanjata





Il-wasla tar-Relikwa tal-Qorriegħa fi Triq ir-Repubblika u d-diskors ta' merħba mill-Arċipriet Farrugia fi Pjazza San Ġorġ, 15.07.2003.

minn Dun Ġużepp Gauci, li kien ħa ħsieb ġabha minn Ruma.

Il-jiem tat-Tridu bdew nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju b'Communion Service għall-Komunità Anglikana lokali ppreseduta mill-E.T. Geoffrey Rowell, Isqof ta' Ġibiltà fl-Ewropa. Filgħaxija, il-Kapitlu u l-kleru tal-Kolleġġjata Ġorġjana, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina tax-Xagħra, akkumpanjaw l-E.T. Mons. Silvestro Magro OFM, Isqof Titulari ta' Salde, iktar tard Vigarju ta' Benghazi, mill-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani sal-Bażilika ta' San Ġorġ. Mal-wasla fil-Bażilika sar il-kant solenni tal-Għasar miż-żewġ Kapitli ppresedut mill-Isqof Magro. Il-prietka tat-Tridu saret minn Dun Ġużepp Gauci. L-Arċipriet tax-Xagħra Mons. Ewkaristiku Sultana mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' wara l-prietka.

Fit-tieni jum tat-Tridu filgħodu saret Konċelebrazzjoni Solenni mill-Isqof Magro bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan, filwaqt li filgħaxija kien imiss lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur biex jieħu sehem fil-kant solenni tal-Għasar li kien ippresedut mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. L-Arċipriet Mons. Salv Muscat mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' wara l-prietka. Qabel il-kant tal-Għasar, iż-żewġ Kapitli flimkien mal-Isqof Djoċesan imxew proċessjonalment mill-Knisja ta' San Ġakbu sal-Bażilika ta' San Ġorġ.

Għall-aħħar jum tat-Tridu filgħodu saret Konċelebrazzjoni Solenni ppreseduta mill-E.T. Mons. Ercole Lupinacci, Eparka Kattoliku ta' Piana degli Albanesi u Lungro, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan. Imbagħad filgħaxija l-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb akkumpanjaw lill-Isqof Lupinacci mill-Knisja ta' Savina sal-Bażilika ta' San Ġorġ. Bħall-ġranet ta' qabel sar il-kant tal-Għasar miż-żewġ Kapitli, ippresedut mill-Isqof Lupinacci, filwaqt li l-Arċipriet Mons. Karm Gauci mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' wara l-prietka.

Is-Sibt 19 ta' Lulju filgħodu l-Banda Ċittadina La Stella għamlet marċ mill-Każin fi Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa' l-wasla tal-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, li mbagħad mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn tkanta t-Te Deum bħala għeluq tat-Tridu Solenni. Għal dan il-Pontifikal kien niseġ il-paniġierku l-mikbi imma qatt minsi Arċipriet Emeritu Mons. Salv Borg.



Il-Kapitlu tax-Xagħra fost il-mistiedna fil-jiem tat-Tridu, 16.07.2003.



L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca jmexxi l-Pontifikal tat-Te Deum, 19.07.2003.



Dun Ġużepp Gauci jinseġ it-Tridu taċ-Ċentinarju, 16.07.2003.



L-Isqof Lupinacci jmexxi ċelebrazzjoni liturġika fuq l-Altar tat-Tribuna, 18.07.2003.



Il-Kardinal de Giorgi jmexxi l-Pontifikal tal-Festa, 20.07.2003.



Il-Kardinal de Giorgi jmexxi l-Pontifikal tal-Festa, 20.07.2003.

Lejlet is-Solennità ta' San Ġorġ saret Translazzjoni Solenni bir-Relikwa tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ u Ċelebrazzjoni Pontifikali tal-Primi Vespri ppreseduti mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, assistit mir-Rev.mu Kapitlu Katidrali u mill-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan. Il-Barka Ewkaristika ġiet ippreseduta mir-Rev. mu Mons. Ġużeppi Farrugia, li kien Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' dak iż-żmien.

Jum is-Solennità Djoċesana tas-17-il Ċentinarju ta' San Ġorġ, nhar il-Ħadd 20 ta' Lulju, kien tassew jum ta' Festa Djoċesana. Skont direttiva tal-Uffiċċju Liturġiku tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex, il-knejjes kollha tad-Djoċesi ġew imħeġġin jagħmlu użu mill-fakultà mogħtija mill-Kongregrazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti (Digriet tat-3 ta' Lulju 2003) u jiċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat u l-Quddiesa ta' San Ġorġ Martri "bħala turija ta' qima lejn il-Qaddis, Protettur tal-Għawdxin". Mhux ta' min jinsa jsemmi li kemm l-Isqof Djoċesan fl-Ittra Pastorali tiegħu u kemm l-Uffiċċju Liturġiku tal-Kurja Djoċesana fakkru lill-fidili Għawdxin fir-rebħ tal-Indulġenza Plenarja mogħtija mill-Papa Ġwanni Pawlu II permezz tal-Penitenzerija Appostolika b'reskritt tad-9 ta' Ġunju 2003, lil kull min iqim ir-relikwa tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ matul il-ħamest ijiem tal-Festa.[8]

Bħas-soltu fit-8.00am sar marċ mill-Banda Ċittadina La Stella li telaq minn Triq ir-Repubblika u laqa' l-wasla tal-Em.T. il-Kardinal Salvatore de Giorgi, Arċisqof ta' Palermo u Primat ta' Sqallija. Il-Kapitlu u l-kleru tal-Kolleġġjata Urbana akkumpanjaw proċessjonalment lill-Kardinal mill-Palazz Veskovili sal-Bażilika Ġorġjana. Il-Pontifikal tal-Festa sar mill-istess Kardinal flimkien mal-Isqof Djoċesan, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata Lateranensi, il-kleru tal-Bażilika Urbana u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż.

Filgħaxija, il-Vigarju Ġenerali ta' Għawdex Mons. Giovanni Bosco Gauci mexxa t-Tieni Għasar Solenni ta' qabel il-Purċissjoni Pontifikali. Il-purċissjoni bdiet ħierġa għall-ħabta tas-7.00pm bid-daqq tal-innu *Georgius natus est* mill-Banda Ċittadina La Stella u wara sellmet lil San Ġorġ bl-innu immortali *A San Giorgio Martire* ta' Mro Giuseppe Giardini Vella. Il-Purċissjoni tmexxiet mill-Em.T. il-Kardinal De Giorgi, bis-sehem ta' delegazzjoni tal-Kapitlu tal-Katidral, tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Laternanesi, tal-Arċiprieti u l-Kappillani ta' Għawdex, il-kleru tal-Bażilika ta' San Ġorġ, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Parroċċa. Inħarġet ukoll ir-Relikwa Insinji ta' San Ġorġ li kienet tpoġġiet ġo urna indurata bid-deheb u ġiet merfugħa minn saċerdoti tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Il-festi għal dik is-sena ngħalqu bid-daqq tal-Antifona ta' San Ġorġ u bil-Barka Ewkaristika. Imma dan ma kienx it-tmiem tal-Festi Ċentinarji, li komplew f'Lulju 2004.

Nota qasira li xtaqt inżid hija li għal din il-ġurnata l-Bullettin tad-Djoċesi kien maħruġ kollu bil-kulur u b'xi ikonografija u informazzjoni dwar San Ġorġ, Protettur tal-gżira Għawdxija, kif ukoll dwar il-festi kbar li kienu qegħdin jiġu ċċelebrati matul dik il-ġimgħa. L-istess ir-Rivista djoċesana *Il-Ħajja f'Għawdex* ġabet f'ħarġa minnhom wiċċ l-istatwa titulari fil-qoxra u intervista dwar iċ-Ċentinarju fuq ġewwa.

Qabel ma naraw il-festi tal-2004, ta' min jagħti ħarsa lejn il-festi esterni li kienu ċċelebrati wkoll f'Lulju 2003.

Il-Banda Ċittadina La Stella kienet il-banda protagonista u għamlet b'impenn kbir diversi servizzi tul dawn il-jiem ta' festa.

Bdiet bis-servizz nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju, b'marċ minn quddiem il-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb fiż-żona Taċ-Ċawla sa Pjazza San Ġorġ. Ħadet sehem ukoll il-Banda Ite Ad Joseph tal-Qala. Il-Banda ħadet sehem ukoll fit-Translazzjoni tar-Relikwa Insinji nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju b'daqq ta' innijiet reliġjużi minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ.

Fl-ewwel jum tat-Tridu sar marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Triq Għajn Qatet u mill-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ li bdiet minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace sa Pjazza San Franġisk. Iż-żewġ baned għamlu dimostrazzjoni popolari bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ. Fi Triq ir-Repubblika nħaraq logħob tan-nar tal-art.



Il-Kardinal de Giorgi jmexxi l-Purċissjoni tal-Festa, 20.07.2003.

Il-Ħamis 17 ta' Lulju sar marċ brijuż mill-Banda Ċittadina La Stella flimkien mal-Banda Santa Margerita ta' Ta' Sannat bl-istatwa ta' San Ġorġ Żagħżugħ, xogħol ta' Austin Camilleri, madwar it-toroq tal-Bażilika, fejn l-istatwa ttellgħet fuq pedestall fi Pjazza San Franġisk. Wara l-marċ inħaraq logħob tan-nar fi Pjazza San Franġisk.

Fl-aħħar jum tat-Tridu, il-Banda Ċittadina La Stella ħadet sehem f'Dimostrazzjoni Grandjuża bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, kapulavur ta' Vincenzo Cremona. Ħadet sehem ukoll il-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem. Kien hemm logħob tan-nar fi Triq ir-Repubblika. F'dik il-ġurnata ħadet sehem ukoll il-Banda Prekursur tax-Xewkija li għamlet marċ minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Indipendenza, fejn esegwiet programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Tonio Borg.

Is-Sibt filgħodu l-Banda Ċittadina La Stella għamlet marċ qabel il-Pontifikal minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn akkumpanjat lill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, filwaqt li wara l-Pontifikal l-istess banda għamlet marċ minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin La Stella. Waranofsinhar saru t-Tiġrijiet Tradizzjonali fi Triq ir-Repubblika bis-sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex. Filgħaxija, il-Banda Ċittadina La Stella għamlet marċ minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa' l-wasla tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

Fit-8.00pm sar Programm Mużikali mill-Banda Ċittadina King's Own tal-Belt Valletta fi Pjazza San Ġorġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea. Wara l-programm, il-Banda Ċittadina La Stella ħadet postha fuq il-planċier sabiex tesegwixxi l-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*. Imbagħad wara sar marċ singolari trijonfali bis-sehem taż-żewġ Baned Ċittadini La Stella u King's Own, liema marċ ilu jsir għal snin twal. Dan il-marċ ikun mistenni minn kulħadd u jilħaq il-qofol tiegħu fi Triq ir-Repubblika, fejn iż-żewġ baned jingħaqdu f'*massed band*. Wara l-marċ sar logħob tan-nar tal-art fi Pjazza San Franġisk.

Il-Ħadd filgħodu l-Banda Ċittadina La Stella reġgħet għamlet marċ ieħor minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn laqgħet lill-Em.T. il-Kardinal De Giorgi. Wara l-Pontifikal sar marċ brijuż mill-Banda San Ġorġ ta' Ħal Qormi u l-Banda Santa Margerita ta' Ta' Sannat fiċ-ċentru tal-Belt Victoria.

Għas-6.15pm saret sfilata ta' marċi mill-Banda Ċittadina La Stella u mill-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ. Il-Banda La Stella sellmet lil San Ġorġ bl-innijiet *Georgius natus est* u *A San Giorgio Martire* u akkumpanjat il-Purċissjoni Pontifikali. Il-Banda Mnarja tan-Nadur għamlet marċ minn Pjazza San Franġisk għal Pjazza Indipendenza, fejn sar programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech. Programm ieħor sar mill-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta fi Pjazza San Ġorġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro Emanuel Spagnol.



Ir-Relikwa Insinji tal-Qorriegħa merfugħa fil-Purċissjoni.

Il-marċ tal-aħħar sar mill-Banda Ċittadina La Stella mill-Każin għal Pjazza San Ġorġ.

**Biblijografija**

*Programm ta' Festi Straordinarji f'ġieħ San Ġorġ Megalomartri, Patrun tal-Belt Victoria u Protettur ta' l-Għawdxin f'għeluq l-1700 sena mill-Martirju Glorjuż tiegħu fis-sena 303 wara Kristu, li se jiġu ċċelebrati fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi, Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi u fil-Belt Victoria. 20 ta' April – 28 ta' April 2003*, ippubblikat fir-rivista *Ta' l-Istilla*, April 2003 (18).

*Programm ta' Festi Ċentinarji fis-Solennità Djoċesana tal-Kbir Martri San Ġorġ, Protettur l-Aktar Setgħan ta' l-Għawdxin, Patrun tal-Belt Victoria, f'Għeluq iċ-Ċentinarju mill-Martirju tiegħu, li se jiġu ċċelebrati fil-Knisja Proto-Parrokkjali u Arċi-Matriċi, Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi ddedikata lilu u fil-Belt Victoria. 24 ta' Ġunju – 20 ta' Lulju 2003*, ippubblikat f'*Programm Festi San Ġorġ 2003*, Nru 29, p. 11.

**Riferenzi**

7 Ġużeppi Gauci, *Il-Festa Ċentinarja ta' S. Ġorġ Martri – Festa Djoċesana*, f'*Il-Belt Victoria*, Setttembru-Ottubru 2003 (134), p. 7.

8 Ibid.

*Ħajr lil JJP Zammit u Joe Attard tar-ritratti.*

# ŻWIĠIJIET BEJN L-1626 U L-2014 (2)

## MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (9)





Toni Farrugia

*...jaqbad mill-aħħar ħarġa*

**Ismijiet**

L-aktar għaxar ismijiet maskili komuni kienu Ġużepp (1056), Anton (412), Franġisk (409), Mikieli (365), Salvu (358), Ġanni (259), Ġorġ (228), Pawlu (223), Ġammarija (206) u Wenzu (167), filwaqt li l-aktar għaxar ismijiet femminili komuni kienu Marija (1,565 li tinkludi varjazzjonijiet ta' dan l-isem bħal Maria Dolores, Maria Concepta u oħrajn), Roża (363), Katerina (329), Grazzja (300), Anna (276), Ġużeppa (243), Angela (226), Tereża (207), Margarita (176) u Giovanna (173).

Fuq ix-xaqliba l-oħra hemm ismijiet li ma għadhomx jintużaw: ismijiet maskili bħal Bonifacius, Candelorus, Didacus, Policarpus, u ismijiet femminili bħal Calogera, Hieronyma, Imperia, Nympha u Pulchra/Pulcheria (li tfisser "sabiħa').

**Ix-xhieda**

F'diversi żwiġijiet wieħed mix-xhieda kien ikun saċerdot tal-Parroċċa, bħal Dun Nikol Gatt (330 darba) u Dun Martin Bugeja (110 darba). Xi drabi x-xhud kien ikun l-istess qassis li bierek iż-żwieġ.

Hemm ukoll diversi xhieda li huma rreġistrati bħala *clericus*, bħal Franġisk Corazier li kien xhud f'273 żwieġ. Il-kelma *clericus* kellha tifsira usa' minn tal-lum. Minbarra seminarista, student tal-patrijiet, jew djaknu, kienet tfisser ukoll wieħed lajk li kien jgħin fix-xogħol tal-parroċċa. Dawn kienu jieħdu t-tonsura u l-erba' Ordnijiet Minuri bla ma jkomplu għall-Ordinazzjoni, bħalma kien il-Beatu Nazju Falzon. Dawn il-kjeriċi kienu magħrufa bħala tonsorti, u kienu sudditi diretti tal-Isqof u mhux tal-Gran Mastru jew tal-Inkwiżitur. Dawn setgħu wkoll jiżżewġu u fil-fatt sibt xi ftit fejn huma rreġistrati bħala *clericus coniugatus*.



L-ewwel żwieġ fir-Reġistri tal-Parroċċa: missier l-għarusa huwa Pinu Gauci li reġa' bena l-Kappella Ta' Pinu.

Il-fatt li ċerti persuni għamluha ta' xhud għal ħafna drabi jagħtini x'nifhem li din il-persuna kienet is-sagristan. Dan qed ngħidu għax Leli Cini 'ta' Rixu', li naf li kien sagristan, bejn l-1917 u 1954 kien xhud fi 43 żwieġ. Allura dan jispjega l-fatt għala Toni Grima, bejn l-1801 u l-1835, kien xhud f'639 żwieġ, filwaqt li hemm 11-il persuna oħra li bejniethom kienu xhieda f'1878 żwieġ – medja ta' 170 żwieġ kull wieħed.

**Tagħrif ieħor**

- L-aktar li ġew irreġistrati żwiġijiet kien fl-1810 (52) u l-inqas fl-1845 u fl-1868 (wieħed kull sena), filwaqt li fl-1677 ma hemm l-ebda żwieġ irreġistrat.

- L-ewwel żwieġ kien irreġistrat fit-08/08/1626 bejn Giovanni Filippo Muscat u Chatareniella Gauci. Il-missier tal-għarusa kien Pinu Gauci, li huwa dak li għalih hi msemmija l-Knisja Ta' Pinu peress li kien hu li fis-sena 1619 ħallas il-kwadru tal-Madonna mpitter minn Amadeo Perugino.

- Meta l-għarus, missier l-għarus/a jew ix-xhud kien ikun ta' ċerta pożizzjoni fis-soċjetà, kienet tiġi rreġistrata l-professjoni tiegħu (*chirurgus*, *physicus*, *notarius*). Hemm ukoll dak li kien magħruf bħala *aromatarius*, l-ekwivalenti tal-ispiżjar tal-lum.

- F'Lulju 1798, il-Viċi Parroku Dun Nicolaus Grima rreġistra lilu nnifsu bħala *Civis* (ċittadin) u mhux bħala *Don*. Il-Franċiżi mal-wasla tagħhom f'Malta f'Ġunju tal-istess sena mill-ewwel ħadu passi biex jikkontrollaw, biex ma ngħidx jeqirdu, l-influwenza tal-Knisja f'Malta. Din kienet waħda minhom, miżura li ma tantx damet, għax fiż-żwieġ li jmiss, f'Novembru 1798, il-Viċi Parroku rreġistra ruħu bħala Dun Salvator Bonelli. Dan sintendi minħabba l-fatt li l-ħakma tal-Franċiżi f'Għawdex spiċċat qasir il-għomor.

- Fl-1710 u fl-1730 sar żwieġ fejn l-għarus kien ilsir meħlus minn sidu (*manumissum*). Dawn kienu Simeon, li kien meħlus mis-sidien tiegħu Bonnici u Sammut, u Joseph li kien meħlus mis-sid tiegħu Fenech. Dawn l-ilsiera kienu Musulmani li kkonvertew għar-reliġjon Nisranija u ngħataw il-ħelsien. Peress li l-ilsir kien ikun proprjetà tas-sid tiegħu, dan kien jieħu l-kunjom ta' sidu. Għalhekk fil-każ tagħna l-ewwel eks ilsir huwa rreġistrat bħala "Simeon de Bonnici et Sammut", filwaqt li t-tieni wieħed hu rreġistrat bħala "Joseph de Fenech".

- Fl-1792 sar żwieġ fejn l-għarus hu rreġistrat bħala *neophytus*, jiġifieri kien għadu kif ikkonverta għall-fidi Nisranija. Aktarx li kien ilsir meħlus peress li quddiem kunjomu hemm il-prefiss *de* u l-ġenituri ma humiex irreġistrati. Fl-1887 sar żwieġ fejn l-għarus ukoll kien irreġistrat bħala *neophytus* – kien Skoċċiż li kkonverta għal Kattoliku u li nassumi li kien membru tas-servizzi Brittaniċi.

- Fl-1665 l-għarus ingħata permess mill-Inkwiżizzjoni sabiex ikun jista' jiżżewweġ (*per ordine della Santa Inquisitione*) u fl-1786 l-għarus tħalla joħroġ mill-ħabs biex ikun jista' jiżżewweġ (*carceribus extractus*).

- Sas-snin 60 tas-seklu l-ieħor kienu jsiru żwiġijiet fejn l-għarus kien emigrat u għalih kien jidher prokuratur. B'kollox kien hemm disgħa minn dawn il-każi, bl-ewwel wieħed ikun fl-1814 u l-aħħar wieħed fl-1964.

- B'kollox hemm 1,003 żwieġ fejn l-għarus jew l-għarusa kienu romol tal-inqas darba – fi żwieġ li sar fl-1928 u ieħor li sar fl-1958 l-għarus iżżewweġ għar-raba' darba! Hemm każijiet oħra fejn kemm l-għarus u kemm l-għarusa kienu romol, xi kultant għal aktar minn darba. Ir-rata ta' dawn it-tip ta' żwiġijiet naqset matul is-sekli – fis-seklu 17 kien hemm 23% taż-żwiġijiet li kienu ta' romol, fis-seklu 18 kien hemm 19%, fis-seklu 19 kien hemm 15%, u fis-seklu 20 kien hemm 4% biss.

- Sal-passat mhux daqstant imbiegħed il-faqar u l-għaks kienu renjanti, li kien jagħmilha diffiċli lil tfajliet minn familji foqra biex jiżżewġu peress li l-missier ma kienx ikollu beni għad-dota. Bħala għajnuna lil dawn it-tfajliet ġieli kien ikun hemm xi benestant li jwaqqaf legat, ġeneralment billi jħalli raba' jew proprjetà oħra fil-wirt, biex mill-introjtu tiegħu (iċ-ċens jew il-qbiela) titħallas id-dota ta' xi tfajla minn dawn. Il-kundizzjoni kienet li ż-żwieġ isir fil-Festa ta' Santa Marija, ġeneralment fil-Matriċi, illum il-Katidral. Bejn l-1638 u l-1925 kien hemm 107 żwiġijiet minn dawn, li kważi kollha saru fil-Matriċi ħlief għal xi ftit li saru fil-Knisja tagħna u erbgħa fil-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu, li semmejt aktar 'il fuq.

- Bejn wieħed u ieħor sa ftit wara l-ewwel nofs tas-seklu l-ieħor l-għarajjes kienu jkunu mill-istess raħal, kif għidt aktar 'il fuq, u għalhekk mhux darba u tnejn kien jiġri li l-għarajjes kienu jiġu minn xulxin. F'każijiet bħal dawn kien ikun meħtieġ li tintalab dispensa mill-Vatikan, li kienet tintalab anki meta l-għarajjes kienu terzi kuġini (il-frażi teknika hija "dispensa minn impediment ta' konsangwinità fit-tielet grad"). Illum il-ġurnata d-dispensa tintalab biss f'każ ta' primi kuġini. L-aħħar darba li ntalbet dispensa ta' dan it-tip kien fl-1973. Id-dispensa kienet tintalab ukoll f'każijiet fejn l-għarus ikun se jiżżewweġ lil oħt il-mara wara li din tmut ("dispensa minn impediment ta' affinità fl-ewwel grad"). Dispensa minn impediment kienet tintalab ukoll f'każijiet ta' *cognation spiritualis* (l-għarus jew l-għarusa kien ikun parrinu tal-parti l-oħra) u f'każijiet ta' moralità. F'dawn l-aħħar 50 sena t-talbiet għal dispensa kienu f'każi ta' żwieġ bejn għarajjes ta' reliġjon differenti.

- Fit-28/04/1701 fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta żżewġu żewġ aħwa miż-Żejtun (Tumas u Marius Clemens Bonnici) ma' żewġ aħwa mill-Parroċċa tagħna (Margerita u Pulcheria Xiriha). Fid-09/07/1633 u fl-10/07/1633 sar iż-żwieġ ta' Andreana u Clara Borg rispettivament, li kienu wlied Pancratio u Emilia Borg, u mbagħad fit-18/06/1634 sar iż-żwieġ tal-istess Pancratio Borg għax romol.



miei Consanguinei, e secondo la mia intenzione con
questo perchè dal sud.o Ospedale, e suoi Procuratori
prima d'impossessarsi del sud.o Stabile dovranno fare
una diligente perquisizione con publicare nelle Chiese
ed affiggere bandi nei luoghi pub.ci per indagare se
vi sono, o possono essere anche in spe descendenti
da qualche d'una delle sud.e quattro linee, e fami
glie consanguinei di detto Testatore anche in grado
remotissimo, e se non ci ritroveranno dopo fatte le
sud.e indagini allora il sud.o Ospedale entrerà in
possesso del sud.o Stabile, col peso però che dal Eco
nomo di d.o Ospedale dovrà ogn'anno in perpetuo
fare l'elezione d'una Zitella Povera di questa
che vorrà collocarsi in matrimonio, preferendo alle
defame coll'assegnamento di sc. 100 di questa mone
ta per una Dote da pagarsi dall'usufrutto del sud.o
Stabile, essendo questa la mia volontà e non altri
menti.

Estratt mit-Testment ta' Giovanni Pietro Carnisi tas-17/01/1814 li bih twaqqaf, fost l-oħrajn, legat għax-xebbiet fqar biex ikun jistgħu jiżżewġu.



1844

Pater
Anna
Mariam Annam
Mizzi
et
Dnum
Pharmacopolam
Philippum
Perini.

Iż-żwieġ li sar bi prokura fis-07/02/1844 bejn Maria Anna Mizzi u Fillippu Perini li kien residenti Lixandra, l-Eġittu.



# KEMM APPUNTAMENTI TAL-MUŻEW TAGĦNA!

## MUŻEW TAGĦNA, MUŻEW GĦAL KULĦADD

Antoine Vassallo, President tal-FBV

Fil-5 u t-18 ta' Mejju sar esperiment ta' żewġ sessjonijet "interġenerazzjonali", f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva, Heritage Malta u l-Iskola postsekondarja Sir M.A. Refalo: *Museum Connections: A Creative Journey Across Generations*. L-artist u għalliem Mario Cassar tkellem dwar kif tifhem biċċa arti u mbagħad stieden lill-parteċipanti biex jiddeskrivu bil-kitba xi esibit. Dawn tahom lill-istudenti tiegħu li rriproduċewhom ħalli ssir diskussjoni kemm resqu lejn l-oriġinal.

Fil-5 ta' Mejju ospitajna laqgħa ma' grupp ta' operaturi Irlandiżi fit-turiżmu.

Fis-6 ta' Mejju ppparteċipajna f'*Shemà – Lejl imdawwal* organizzat mid-Djoċesi ta' Għawdex billi bqajna miftuħa tard u ospitajna grupp ta' vjolinisti (Noe Lang, Jasmine u Kathryn Mizzi u Emma Portelli) mill-Echo String Ensemble. Anki sellifna kollezzjoni ta' msiebaħ għall-wirja biblika matul Mejju fis-sotterran tal-Kurja.

Fid-19 ta' Mejju s-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex organizzat taħdita minn Vincent Zammit li ta ħjiel ċar dwar l-aspetti storiċi u soċjali li jistgħu jinkisbu mill-kartolini filateliċi. L-okkażjoni kienet it-tnedija ta' ktieb miġbur minn Mark-Anthony Poulton bil-kartolini u envelops prodotti sa mit-twaqqif fl-1999 biex jitfakkru okkażjonijiet b'konnessjonijiet Għawdxin, xogħol id-disinjatur Toni Grech. Ittellgħet ukoll wirja b'għażla minnhom.

Fl-20 ta' Mejju l-Prof. Tonio Borg tkellem dwar nuqqasijiet fil-Kostituzzjoni tagħna u offra xi proposti għal titjib.

Fis-26 ta' Mejju beda kors qasir tal-Ewwel Għajnuna bażika offrut lill-voluntiera tal-Mużew.

Fit-28 ta' Mejju waslet fi tmiemha wirja b'xogħlijiet ta' Esprit Barthet. Għaliha kellna żjarat minn diversi gruppi ta' studenti, immexxija mill-għalliema.

Fil-11 ta' Ġunju kellna l-inawgurazzjoni – bħala parti mill-edizzjoni 2013 tal-Victoria International Arts Festival – ta' wirja eċċezzjonali fl-okkażjoni tal-250 anniversarju mill-mewt tal-artist Francesco Zahra. Il-kuratur kien il-Prof. Keith Sciberras, involut ukoll fil-katalgu numru 25 fis-sensiela *Ħaġar Gems*. Twila l-lista ta' suġġetti identifikabbli, fosthom il-Madonna taħt diversi titli, il-Qalb ta' Ġesù, l-Aħħar Ċena, San Baskal Baylon, Sant'Elena, l-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa, San Franġisk ta' Paola, San Innoċenzu (żewġ xbihat fuq bandalora unika), San Liborju, San Nikola ta' Bari, San Pawl, Santu Rokku, Santa Skolastika, Santa Tereża, San Vinċenz Ferrer u Mosè. Kienu esibiti wkoll żewġ pitturi ta' Zahra mill-kollezzjoni permanenti tagħna li huma fil-proċess tar-restawr: San Lwiġi Gonzaga u l-Madonna ta' Loretu.

Xħin qassam is-60 biċċa, kellu f'moħħu "vjaġġ" mal-iżvilupp tal-istil tal-artist – inklużi possibbiltajiet għal tqabbil max-xogħol bl-istess tip ta' suġġett ta' kontemporanji: il-Familja Buhagiar, Favray u Regnaud. Peress li bosta mill-esibiti nġabru minn kollezzjonijiet privati, din l-esperjenza ma kinitx tkun possibbli mod ieħor. Barra minn hekk, anki attribuzzjonijiet "ġodda" hemm, flimkien ma' dokumenti. Din hi żgur xhieda ċara tar-riżultati pożittivi li joħorġu minn kollaborazzjoni kkordinata tas-settur pubbliku ma' dak volontarju. L-Arċisqof Scicluna kien fost id-dilettanti u personalitajiet li ma tilfux din l-opportunità. Ta' min jinnota kemm irċevejna sapport u prositijiet!

Fis-16 ta' Ġunju s-CEO tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu Carlo Micallef wasslilna ċertifikat u plakka li akkwistajna wara proċess pjuttost twil: l-ewwel Attrazzjoni non-statali Għawdxija bi "Kwalità Garantita fit-Turiżmu".

Fis-17 ta' Ġunju Dr Sergio Grech ta konferenza dwar l-Episkopat ta' Mikiel Gonzi f'Għawdex, b'diversi dettalji mhux tant magħrufa.

Fil-21 ta' Ġunju ospitajna kunċert fuq il-bejt mill-grupp Skoċċiż *Gallus Brass* (fil-VIAF).

Fl-24 ta' Ġunju Dr Maria Lipnicka spjegat ir-riċerka tagħha dwar id-djaletti Għawdxin, speċifikament tal-Għarb.

Fis-27 ta' Ġunju s-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex bidlet il-wirja fil-vetrina tagħha fil-livell -1 għal eżempji ta' filatelija soċjali konnessi mal-perjodu Napoleoniku f'pajjiżna: dokumenti u kartolini kommemorattivi esklussivi.

Waqt il-Ġimgħa tal-Festa esponejna għal ftit ġranet xi teżori mill-Kunvent tal-Franġiskani (li ta' spiss jikkollaboraw).

Fid-29 ta' Lulju organizzajna ikla fuq il-bejt, b'konkorrenza li mliet l-ispazju kollu, tant li kellna nirrifjutaw.

Fid-19 ta' Awwissu pproduċejna folder filateliku bis-sett ta' bolli maħruġ mill-MaltaPost biex jitfakkar Francesco Zahra. Dan is-sett inkluda tnejn mill-pitturi fl-esibizzjoni tagħna, flimkien ma' wieħed mil-laterali tal-Kor ta' San Ġorġ stess. Dakinhar ukoll il-Professur Sciberras mexxa konferenza madwar il-wirja.

Bħala estensjoni tal-VIAF ospitajna permezz tal-artist-għalliem Victor Agius esperjenza prattika tal-arti għat-tfal fit-23 ta' Awwissu.



## NIFIRĦU LIL...

- Mons. George Borg, Rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu, il-Belt Victoria, li fit-23 ta' Ġunju 2023 iċċelebra l-50 anniversarju presbiterali tiegħu.
- Mons. Ġużeppi Farrugia, eks Arċipriet, Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, u Mons. Giovanni Bosco Cremona, li fl-14 ta' Lulju ċċelebraw il-45 anniversarju presbiterali tagħhom.

## INSELLMU LIL...

- Mro Sunny Galea, li miet fit-8 ta' Mejju 2023, fl-età ta' 86 sena. Barra li għal snin twal kien bandist attiv fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika La Stella u Surmast tal-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem, hu kien awtur ta' diversi marċi Ġorġjani, fosthom *Forza Ġorġjani*, u fis-sena ċentinarja Ġorġjana tal-1984 ikkompona l-innu sabiħ *Lil San Ġorġ Martri – Ġmiel u Ġawhra* fuq lirika tal-Kan. Joe Mejlak.
- Georgina Xerri, sa mill-1983 l-ewwel Presidenta tal-Ladies Society tal-Bażilika tagħna u għal snin twal attiva fi ħdanha, li mietet fl-4 ta' Ġunju, fl-età ta' 98 sena.
- Rose Mary Scicluna, għal snin twal attiva fil-Leġjun ta' Marija f'Għawdex fost l-oħrajn bħala Presidenta tal-Curia Marija Pprivileġġjata tal-Belt Victoria, li mietet fl-20 ta' Awwissu, fl-età ta' 85 sena.





**DONAZZJONIJIET**

**George Fenech: €80 | Joseph/Charles Sultana: €75 | James Camilleri: €75 | John Mercieca: €50 | G. Cini: €50 | Tony Spiteri: €25 | George Attard: €20**

# KRONAKA PARROKKJALI

## MEMBRI ĠODDA fil-komunità parrokkjali

| | |
|---|---|
| 18/05/2023 | **Delfina Anavai** bint Sven-Olof Lindblad u Kristin Leigh Hettermann |
| 07/06/2023 | **Giorgio** bin Franklin Calleja u Kathleen Grima |
| 07/06/2023 | **Matteo** bin Franklin Calleja u Kathleen Grima |
| 07/06/2023 | **Francesco** bin Franklin Calleja u Kathleen Grima |
| 11/06/2023 | **Sofia** bint Thomas Grech u Erica Farrugia |
| 28/06/2023 | **Tommaso** bin Jean Paul Buttigieg u Veronica Ann Farrugia |
| 01/07/2023 | **Jean Carl** bin Carl Cardona u Mary Rose Xuereb |
| 02/07/2023 | **Oscar** bin John Attard u Rose Tierney |
| 08/07/2023 | **Benjamin** bin Pau Buttigieg u Mandy Chircop |
| 23/07/2023 | **Ġorġ** bin Anthony Briffa u Marla Saliba |
| 13/08/2023 | **Amelia** bin David Attard u Anna Marie Tabone |
| 23/08/2023 | **Luca** bin Anthony Grech u Olivia Farrugia |

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

| | |
|---|---|
| 03/05/2023 | **Maria Giovanna Spiteri** |
| 08/05/2023 | **Saviour Galea** |
| 15/05/2023 | **Anthony Bezzina** |
| 19/05/2023 | **Joseph Portelli** |
| 20/05/2023 | **Teressa k/a Tessie Dimech** |
| 23/05/2023 | **Xavier Refalo** |
| 02/06/2023 | **Joseph Caruana** |
| 04/06/2023 | **Giorgia Xerri** |
| 19/06/2023 | **John Mary Said** |
| 25/06/2023 | **Carmen Cassar** |
| 22/06/2023 | **Mons. Pawl Cardona** |
| 27/07/2023 | **Mary Victoria Gauci** |
| 30/07/2023 | **Giovanna Antida Farrugia** |
| 12/08/2023 | **Giorgio Grech** |
| 20/08/2023 | **Rose Mary Scicluna** |

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

| | |
|---|---|
| 06/05/2023 | **Mark Anthony Cremona** u **Christine Attard** |
| 07/05/2023 | **Dominic Fenech** u **Michela Galea** |
| 13/05/2023 | **Marlon Attard** u **Maria Chiara Xerri** |
| 20/05/2023 | **Alan Xuereb** u **Ariann Bonnici** |
| 27/05/2023 | **Christopher Rapa** u **Sharon Mizzi** |
| 03/06/2023 | **Samuel Dimech** u **Joanne Scicluna** |
| 23/06/2023 | **Christian Schembri** u **Francesca Sillato** |
| 24/06/2023 | **Christopher Mifsud** u **Elena Maria Gauci** |
| 29/06/2023 | **George Swindells** u **Antoinette Saguna** |
| 01/07/2023 | **David Xerri** u **Riana Azzopardi** |
| 08/07/2023 | **Bradley Xuereb** u **Chantiane Said** |
| 09/07/2023 | **Malcolm George Camilleri** u **Maria Pisani** |
| 22/07/2023 | **Ashely Sleiman** u **Amanda Lee Cordina** |
| 29/07/2023 | **Tonio Galea** u **Shana Maria Bugeja** |

# MID-DJARJU PARROKKJALI

MEJJU-AWWISSU 2023




Andrew Formosa

**» 1 ta' Mejju**
Fid-Dar tal-Irtiri tas-Sorijiet Dumnikani f'Għajnsielem il-Parroċċa organizzat nofstanhar għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof flimkien mal-ġenituri tagħhom bi preparazzjoni għall-għoti ta' dawn is-sagramenti.

**» 11 ta' Mejju**
**6.00pm:** Fis-Sala Parrokkjali, l-Isqof iltaqa' mal-ġenituri, parrini u kandidati tal-Griżma tal-Isqof.
**7.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-ewwel quddiesa tal-Ħamisijiet ta' San Ġorġ li fi tmiemha saru t-Talba ta' Interċessjoni u l-kant tal-innu *Georgius natus est* quddiem in-niċċa ta' San Ġorġ. Il-quddies tal-Ħamisijiet tmexxa minn diversi saċerdoti.

**» 12 ta' Mejju**
**5.15am:** Ingħata bidu għall-ewwel jum tal-Kwaranturi Mqaddsa b'quddiesa fejn wara ġie espost is-Santissmu Sagrament sas-6.30pm, fejn sar il-kant tal-Għasar. Il-quddies sar fil-Kappella ta' Ġesù u Marija.
**7.00pm:** Saret quddiesa li għalqet l-ewwel jum tal-Kwaranturi.

**» 13 ta' Mejju**
**5.15am:** Ingħata bidu għat-tieni jum tal-Kwaranturi b'quddiesa fejn wara ġie espost is-Santissmu Sagrament sal-5.00pm.
**6.30pm:** Sar il-kant tal-Għasar u l-Barka Ewkaristika.
**8.30pm:** Kompliet l-Adorazzjoni Solenni li ngħalqet b'quddiesa f'nofsillejl.

**» 14 ta' Mejju**
**12.00pm:** Ingħata bidu għat-tielet jum tal-Kwaranturi b'quddiesa fejn wara ġie espost is-Santissmu Sagrament sal-5.00pm.
**5.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni li fi tmiemha saret Purċissjoni solenni bis-Santissmu Sagrament, li minħabba t-temp instabbli nżammet biss madwar it-toroq tal-Bażilika. Il-purċissjoni ntemmet fil-Bażilika bil-kant tat-Te Deum u l-Barka Ewkaristika.

**» 21 ta' Mejju**
**11.00am:** L-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fejn amministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil 33 adolexxent tal-Parroċċa.

**» 28 ta' Mejju**
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni li fiha amministra l-Ewwel Tqarbina lil 36 tifel u tifla.

**» 4 ta' Ġunju**
**7.00pm:** Fl-okkażjoni tal-100 anniversarju tagħha, saret translazzjoni bl-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana minn quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu għall-Bażilika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu Ġorġjan u l-komunità parrokkjali. Minħabba t-temp xejn favorevoli u l-biża' ta' xita imminenti, l-istatwa baqgħet dieħla dritt fil-Bażilika. Il-purċissjoni kienet milqugħa mill-Arċipriet matul il-quddiesa tas-7.00pm, u l-istatwa tpoġġiet fuq il-presbiterju, imbagħad wara l-quddiesa, taħt it-tribuna u wara f'postha fin-nava tan-nofs tal-Bażilika. Għall-okkażjoni ntrama altar quddiem l-istatwa u saret adorazzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament.

**» 5 ta' Ġunju**
**05.15am:** Saret l-ewwel quddiesa u wara beda l-ewwel jum ta' Adorazzjoni solenni quddiem l-altar armat apposta għall-okkażjoni quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù.
**06.30pm:** Sar rużarju meditat quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù u wara quddiesa li għalqet l-ewwel jum ta' Adorazzjoni solenni.

**» 6 ta' Ġunju**
**5.15am:** Saret l-ewwel quddiesa u wara beda t-tieni jum ta' Adorazzjoni solenni.
**5.30pm:** Minħabba x-xita u t-temp ħażin, il-purċissjoni bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù lura lejn is-Santwarju fil-Fontana ma saritx f'dan il-jum imma tmexxiet għall-għada. Minflok, l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem taż-żewġ komunitajiet parrokkjali, li fi tmiemha l-Kappillan tal-Fontana l-Kan. Simon M. Cachia offra kwadru lill-Parroċċa b'tifkira ta' dan l-anniversarju u din iż-żjara storika.

**» 7 ta' Ġunju**
**5.15am:** Saret l-ewwel quddiesa u wara beda t-tielet jum ta' Adorazzjoni solenni.
**6.45pm:** Ħarġet purċissjoni solenni u storika mill-Bażilika ta' San Ġorġ bl-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù lejn is-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Il-purċissjoni kienet akkumpanjata mill-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Fratellanzi taż-żewġ parroċċi, u l-Banda Ċittadina La Stella. Il-purċissjoni għaddiet minn Pjazza Indipendenza, Triq il-Repubblika, Strada Palma, Triq Enrico Mizzi, Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili u Triq tal-Għajn.

**» 9 ta' Ġunju**
**8.00pm:** Fit-Teatru Astra nżamm il-kunċert inawgurali tal-Victoria International Arts Festival, bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Wara, saru kunċerti f'diversi knejjes u postijiet oħra kważi kuljum.

**» 18 ta' Ġunju**
**Filgħaxija:** Il-Kapitlu Ġorġjan ħa sehem fil-Purċissjoni titulari tal-Fontana, fejn kien mistieden fl-okkażjoni tal-100 sena tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù.

**» 22 ta' Ġunju**
**4.15am:** Tħabbret il-mewt ta' Mons. Pawlu Cardona, li kien Arċipriet ta' San Ġorġ bejn l-2007 u l-2016. Huwa miet fl-età ta' 70 sena, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-Funeral tiegħu sar fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Margerita, Ta' Sannat, fis-27 ta' Ġunju.

**» 1 ta' Lulju**
**7.00pm:** L-Arċipriet fetaħ in-Novena ta' San Ġorġ li kellha t-tema *Ġorġi jiftaħar biss bi Kristu Msallab* b'rabta mal-175 anniversarju tal-istatwa tal-Kurċifiss. Fi tmiem il-quddies tan-Novena nżammu attivitajiet għat-tfal, bħal logħob fi Pjazza San Ġorġ u dawriet ma' Għawdex bit-trejn. Fl-ewwel jum saret ukoll il-Vestizzjoni tal-abbatini ġodda Francesco Cefai, Anthony u Michael Zammit.

**» 7 ta' Lulju**
**5.30pm:** Mons. George Borg, Rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu, iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tal-50 anniversarju presbiterali tiegħu.

**» 8 ta' Lulju**
**7.00pm:** Bħala parti min-Novena ta' San Ġorġ, ġie inawgurat ir-restawr fuq l-istatwa tas-Santissmu Kurċifiss li sar mill-Kan. Charles Vella. Għall-okkażjoni, ix-xbieha tal-korp tal-Kurċifiss tqiegħdet fuq il-presbiterju.
**» 9 ta' Lulju**
**7.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar ġurnata tan-Novena li kienet tinkludi Ċelebrazzjoni tal-għeluq bl-istatwa ta' San Ġorġ Żagħżugħ. Wara sar festin kbir fi Pjazza San Ġorġ.
**» 10 ta' Lulju**
**8.00pm:** Ittella' fil-Bażilika l-Kunċert tal-Għeluq tal-Victoria International Arts Festival bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt id-direzzjoni ta' Philip Walsh.
**» 11 ta' Lulju**
**8.00pm:** Sar il-ħruġ tradizzjonali tal-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa u tpoġġiet taħt it-tieni arkata fin-nofs tal-korsija.
**9.15pm:** Id-Djaknu Franklin Micallef mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana fil-Bażilika għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Gruppi 23four, bit-tema *Ġorġi jiftaħar biss bi Kristu Msallab*.
**» 12-14 ta' Lulju**
**6.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Emmanuel Buttigieg, il-Kan. Richard N. Farrugia u Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru mill-Kan. Ryan Lee Pace. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Kan. Geoffrey G. Attard, il-Kan. Tonio Galea u l-Kan. Simon M. Cachia, Kappillan tal-Fontana. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor kien taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, Maestro di Cappella tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor Laudate Pueri u l-iSchola Cantorum tal-Bażilika.
**» 15 ta' Lulju**
**9.00am:** L-E.T. Mons. Alfred Xuereb, li kien għadu kemm temm il-ħames snin tiegħu bħala Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant tat-Te Deum, li fiha ngħata wkoll is-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil Matthias Farrugia.
**6.30pm:** Mons. Isqof, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali tas-Solennità Festiva ta' San Ġorġ.
**7.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, eks Arċipriet, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.
**9.45pm:** Saret l-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**» 16 ta' Lulju**
**9.00am:** Wara li sare il-kant tat-Terza fis-Sagristija, Mons. Isqof, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Ġorġjan u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Festa, fejn niseġ ukoll l-omelija. Attendew il-President ta' Malta Dr George Vella u s-Sinjura tiegħu.
**6.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-kant solenni tat-Tieni Għasar.
**7.00pm:** Il-Banda Ċittadina La Stella laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara, bdiet ħierġa l-Purċissjoni Solenni mmexxija minn Mons. George Borg, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana La Stella, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria u l-Fratellanzi tal-Bażilika.
**10.45pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, bil-kant tal-Antifona u l-Barka Ewkaristika.
**» 17 ta' Lulju**
Tħabbar tibdil fil-ħinijiet tal-quddies tas-sajf mit-Tnejn sas-Sibt. Il-quddiesa tal-4.00pm għal dan il-perjodu ma baqgħetx issir, sal-aħħar ta' Settembru.
**» 23 ta' Lulju**
Saret ħarġa f'Kemmuna għall-abbatini tal-Parroċċa u l-familji tagħhom.
**» 26 ta' Lulju – 5 ta' Awwissu**
L-abbatini tal-Parroċċa Kurt Cutajar u Kurt Vella taw is-servizz tagħhom fil-Bażilika tal-Vatikan.
**» 1-5 ta' Awwissu**
Sar il-Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes immexxi mill-Arċipriet.
**» 6 ta' Awwissu**
**9.00am:** Saret fil-Bażilika Konċelebrazzjoni Solenni fis-Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

## INSELLMU LIL...

- Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ bejn l-2007 u l-2016, li miet fl-età ta' 70 sena, nhar it-22 ta' Ġunju, fl-4.15am, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Kienu diversi l-inizjattivi pastorali, kateketiċi u spiritwali li ttieħdu tul il-parrokat tiegħu, fejn huwa dejjem żamm l-importanza tal-Kelma u tal-Ewkaristija fil-qalba tal-ħajja tal-Parroċċa, waqt li ta bidu wkoll għal proġetti importanti bħal dak tal-manutenzjoni tal-Bażilika u l-opri tal-arti tagħha. Stinka wkoll biex tikber iżjed id-devozzjoni vera lejn il-Patrun tagħna San Ġorġ, fejn fost l-oħrajn kulħadd jiftakar iċ-ċelebrazzjonjiet li saru fl-2014 fl-okkażjoni tal-175 sena tal-istatwa titulari, bil-miġja tar-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ minn Venezja. Dun Pawl wettaq bosta ministeri oħra fil-Knisja, fost l-oħrajn bħala suċċessur tal-Qaddej ta' Alla Mons. Guglielmo Giaquinta fit-tmun tal-Apostolici Sodales tal-Moviment Pro Sanctitate, bħala Kappillan fid-Djoċesi ta' Ruma għal 30 sena, u f'dawn l-aħħar snin bħala Delegat tal-Isqof ta' Għawdex għall-Kleru. Huwa kien saċerdot ta' spiritwalità kbira, imfittex minn bosta għall-pariri u għad-direzzjoni spiritwali, u kellu wisq għal qalbu l-qdusija tal-kleru u l-fraternità saċerdotali f'għaqda sħiħa mal-Isqof. Diġà sa minn qabel temm il-ministeru tiegħu bħala Arċipriet ta' San Ġorġ, huwa kellu jaffronta l-marda qalila tal-kanċer li attakkatu f'iktar minn post wieħed f'ġismu, u dan għamlu b'perseveranza kbira u eżempju għalina lkoll.



- George Grech, benefattur kbir tal-komunità Ġorġjana, President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, li miet fi-12 ta' Awwissu, fl-età ta' 95 sena. Kif jirrakkonta hu stess, kien hu li fis-snin sebgħin, fuq suġġeriment tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella, introduċa flimkien ma' nies oħra d-drawwa tat-tixjir tal-palm fil-ħruġ uniku u spettakolari tal-istatwa ta' San Ġorġ fil-bieb tal-Bażilika għall-Purċissjoni. Fl-20 ta' Lulju 1996 hu kien ippreżenta wkoll lill-Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Nikol Ġ. Cauchi ċinturin tad-deheb għall-istatwa titulari ta' San Ġorġ, f'ismu u f'isem martu mejta Yvonne, maħdum għand id-Ditta Lewis Carabott Jewellery (il-Marsa).


APAP
LIFTS INSTALLATION AND SERVICES
99803272 - 79557300


GOZO COTTAGE®
GENUINE PRODUCE OF GOZO


de Reday
GOZO HOMES
Property For Sale &
Long Let in Gozo
50, Republic Street, Victoria | 21564323 | info@dereday.com
www.dereday.com
PROPERTY - ACCOMMODATION - TRAVEL - INSURANCE


Opening Hours:
Monday-Friday: 5:00pm-7:00pm
Saturday: 9:00am-12:00pm
La Bottega di Melchiorre


Arkadia
Foodstore Gozo
OPEN 7 DAYS A WEEK
QUALITY, CHOICE
& VALUE
ArkadiaFoodstore.com


cafè Diaz
Dias café
St. George's Square
Victoria, Gozo


SKIPPY
WOODWORKS
Joseph Camilleri
mob: (+356) 9940 7147
email: skippywoodworks@gmail.com



"SALVE, OH SALVE..."